ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

DOKUMENT TAS-SINODU DJOĊESAN



# VIŻJONI TA' KNISJA KOMUNJONI

sinodu MALTA

Dokument tas-Sinodu Djoċesan

# Viżjoni ta' Knisja Komunjoni

## Poplu b'karIżmi u ministeri diversi

sinodu MALTA

2003

ISBN: 99932 - 49 - 07 - 6

© Arċidjoċesi ta' Malta, Floriana, 2003

Produzzjoni tal-Media Centre Publications

Stampat fil-Media Centre, Blata l-Bajda

# WERREJ

Preżentazzjoni v

Kap I
Il-Knisja f'Malta llum: Ħarsa b'attenzjoni
lejn is-sinjali taż-żminijiet 1

Kap II
Knisja li hi Sagrament u Skola ta' Komunjoni 10

Kap III
Dixxipli ta' Kristu impenjati fil-qadi ta'
l-aħwa kollha 26

Kap IV
Knisja-Oħt li takkumpanja l-bnedmin kollha
fit-toroq tal-Ħajja 36

Kap V
Konklużjoni 45

# PREŻENTAZZJONI

Iċ-ċelebrazzjoni tas-Sinodu tal-Knisja li hi f'Malta hija ġrajja storika li tolqot lilna l-insara Maltin mill-qiegħ. Din l-esperjenza hija, fuq kollox, mument qawwi ta' grazzja. Imdawlin mill-Ispirtu l-Qaddis, jeħtieġ nixbhu aktar lil Ġesù, aħna u nterrqu lejn dar il-Missier. Imsaħħin mill-istess Spirtu Qaddis, inħarsu lura b'radd il-ħajr u b'indiema, ngħixu l-preżent b'impenn, u nissugraw noħolmu b'futur aħjar.

F'dan id-dokument sinodali qegħdin nipproponu li l-Knisja f'Malta tkompli tikber fil-għarfien tagħha li hi komunjoni ta' mgħammdin b'ministeri u b'karizmi differenti. Nixtiequ li din il-viżjoni għall-Knisja lokali tagħna twassal għal deċiżjonijiet pastorali konkreti li jiġu implementati fis-snin li ġejjin. Huwa meħtieġ li nkunu aktar magħqudin bejnietna. Biex nilħqu l-għan ta' dan id-dokument, tispirana t-talba ta' Ġesù għad-dixxipli tiegħu, awl il-lejl qabel ma bata u miet għalina: "Nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni" (Ġw 17,21).

Aħna, il-Poplu ta' Alla ġewwa Malta, naffermaw il-fidi tagħna (i) fil-preżenza ħajja u dinamika ta' l-Ispirtu l-Qaddis fl-istorja tagħna llum daqs kemm kienet ilbieraħ; (ii) fir-rilevanza kbira li l-Aħbar it-Tajba tal-Mulej Ġesù għandha għalina u għan-nies kollha ta' żmienna; (iii) fl-imħabba kbira li biha l-Missier iħares lejna lkoll. Din l-imħabba li aħna nirċievu mingħand il-Mulej tibdel il-ħajja tagħna u tgħabbina bir-responsabbiltà li nwassluha lill-oħrajn. Ġesù qalilna ċar u tond: "Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien... Dan hu li qiegħed nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin" (Ġw 15,12.17).

Din l-imħabba reċiproka hija l-muftieħ li jiftħilna l-bieb għal Knisja li tkun komunjoni ta' aħwa b'ministeri u kariżmi differenti.

Għal ħafna sekli ħarisna – u nibqgħu nħarsu – lejn il-Knisja bħala omm u għalliema. Filwaqt li dan jibqa' validu u minnu, is-sitwazzjoni ta' pajjiżna llum qed twassalna biex nipproponu viżjoni kumplimentari ta' Knisja – Knisja li hi oħt u qaddejja. Viżjoni m'hijiex definizzjoni, iżda dehra, ħolma, idejal li jiftaħ orizzonti ġodda. Viżjoni ġdida titlob bidla fil-mentalità, u din ma ssirx mingħajr katekeżi, inkella jkollna "nbid ġdid f'damiġġani qodma" (Lq 5,37)!

Bi spirtu sinċier ta' umiltà u b'imħabba taħraq għall-Knisja, nitolbu u nixtiequ li l-Knisja li hi f'Malta – jiġifieri aħna lkoll – tkun aktar qaddisa, aktar profetika, u aktar il-melħ u d-dawl tas-soċjetà, u ta' ħmira għaliha. Nitolbu u nixtiequ li bħala Knisja ngħixu aktar l-ispiritwalità ta' komunjoni, kif ukoll li nifhmu u ngħixu aħjar ir-realtà tal-kariżmi u l-ministeri li jagħnu l-Knisja. Nemmnu li l-Knisja għandha tkun kollha ispirata mit-tagħlim soċjali tagħha stess biex tkun dejjem aktar għas-servizz tal-bniedem.

Barra minn hekk, bħala Knisja nimpenjaw ruħna li nħaddmu tajjeb it-talenti u r-riżorsi li bihom aħna lkoll imżejnin, u li nseddqu d-djalogu veru fostna u mas-setturi kollha tas-soċjetà Maltija. Nixtiequ u nitolbu li aħna, l-insara Maltin, inkunu għajn ta' tama għas-socjetà tagħna billi nkomplu ngħixu u ngħallmu l-Aħbar it-Tajba.

Permezz tal-ġrajja tas-Sinodu Djoċesan nixtiequ nitħeġġu u nġeddu l-fehma tagħna li nkomplu mexjin flimkien fit-triq li diġà qbadna. Nixtiequ u nitolbu li nkomplu nilqgħu s-sejħa tal-Mulej li ninbidlu għal dak li jixtieq jara fina bħala l-Knisja tiegħu li hi f'Malta, u li nkunu dejjem miġburin flimkien fl-għaqda tal-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.



# Kap I

## IL-KNISJA F'MALTA LLUM: ĦARSA B'ATTENZJONI LEJN IS-SINJALI TAŻ-ŻMINIJIET

## Imdawlin mill-Ispirtu, naraw Alla x'irid mill-Knisja f'Malta

1

Aħna l-Kattoliċi Maltin nagħrfu li ċ-ċelebrazzjoni tas-Sinodu Djoċesan hija ċelebrazzjoni storika li tolqotna mill-qiegħ. Din l-esperjenza tagħna lkoll, membri tal-Knisja, hija mument qawwi ta' grazzja. Fid-dawl li jagħtina l-Ispirtu Qaddis nixtiequ u nitolbu li flimkien nippruvaw nagħrfu l-viżjoni li lejha mexjin għal li ġej. Inħossu li biex nagħmlu dan għandna l-ewwel nirriflettu kemm dwar l-esperjenza ta' l-imgħoddi kif ukoll dwar is-sinjali ta' żminijietna.

## Knisja magħġuna mal-ħajja ta' ġensna

2

Meta nħarsu lejn il-passat nagħrfu li l-istorja tagħna bħala Maltin u bħala Kattoliċi kienu magħġuna flimkien: li tkun Malti kien ifisser li tkun Kattoliku. Dan il-fenomenu għen lill-Knisja jkollha sehem mill-aktar importanti fl-istorja ta' ġensna. Dan il-post ewlieni, bir-responsabbiltà u s-setgħa li dan ġab miegħu, intuża ħafna u ħafna drabi biex il-poplu Malti jingħata servizz u għajnuna. Il-Knisja ġeneralment kienet id-dawl u r-rifuġju tal-poplu Malti; u ħafna drabi kienet l-uniku ħajt ta' kenn għall-poplu tagħna, l-aktar tal-fqar u tal-batuti. L-istorja turina li l-qalb ta' l-istituzzjonijiet tal-Knisja u tal-ministri tagħha ħabbtet f'sintonija ma' taħbit il-qalb tal-Maltin fil-ġrajjiet kollha, sbieħ u koroh, li għaddejna minnhom bħala poplu. B'wiċċna minn quddiem nagħrfu dan is-servizz u din l-imħabba li minnha gawdejna lkoll u ta' dan nirringrazzjaw lil Alla.

## Maħfra għad-dgħufija tal-membri tal-Knisja

3

Nammettu wkoll li kien hemm drabi fejn aħna l-membri tal-Knisja – kemm poplu kif ukoll mexxejja – ma qrajniex tajjeb biżżejjed is-sinjali taż-żminijiet, u ma għexniex kif missna l-missjoni tagħna li ninkarnaw l-Aħbar it-Tajba

fil-ħajja tagħna u fis-soċjetà tagħna. Kien hemm drabi meta, minħabba li l-kuxjenza soċjali fuq xi aspetti kienet għadha ma żviluppatx biżżejjed u minħabba d-dgħufija, għemil ta' membri tal-Knisja ma kienx ta' servizz għall-bniedem.

Il-Knisja, li hi qaddisa imma li għandha fi ħdanha l-midinbin, tagħraf li tul iż-żminijiet ġieli naqset minn dmirijietha u għalhekk titlob maħfra. Fil-fatt, il-Papa Ġwanni Pawlu isejjaħ lill-membri tal-Knisja biex "jissaffew bl-indiema tagħhom mill-iżbalji u l-infedeltajiet, min-nuqqas ta' koerenza u min-nuqqas ta' għemil f'waqtu. L-għarfien ta' l-iżbalji ta' l-imgħoddi hu għemil ta' lealtà u ta' kuraġġ li jgħinna nsaħħu l-fidi tagħna..."[1] Il-Knisja terġa' tikkonferma s-sogħba tagħha ta' kemm weġġgħu nies minħabba l-polemiċi politiko-reliġjużi tal-passat. Tad-drabi meta minħabba d-difetti u d-dgħufija tagħna ma konniex fidili għall-Kelma ta' Alla u weġġajna lil xi ħadd, nitolbu lill-Mulej u lil ħutna jaħfrulna. Min-naħa tagħha, il-Knisja tkompli tkun profetika billi taħfer l-offiżi li rċeviet matul iż-żminijiet.

## Knisja li tgħix f'soċjetà fi transizzjoni

4

Fid-dawl tas-sabiħ u ta' l-ikrah fil-passat tagħna, inħarsu lejn is-soċjetà Maltija llum u s-sehem tagħna fiha. Aħna naraw soċjetà li għaddejja minn żminijiet u bidliet interessanti. Is-soċjetà tagħna hi waħda fi transizzjoni. Qiegħda fuq l-għatba bejn l-antik u l-ġdid u qed tiltaqa' ma' għadd ta' kontradizzjonijiet. Is-soċjetà tagħna hija karatterizzata minn pluraliżmu fuq il-livell ta' strutturi u valuri. Il-Knisja m'għadhiex l-unika istituzzjoni li tirrappreżenta l-aspirazzjonijiet u x-xewqat tal-Maltin. Illum li tkun Malti ma jfissirx li awtomatikament tkun Kattoliku. Issib għadd ta' Maltin li jew ħallew kull twemmin jew ħaddnu twemmin ieħor nisrani jew xi wieħed

[1] Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Tertio Millennio Adveniente* (10 ta' Novembru 1994), 33. Ara wkoll Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Novo Millennio Ineunte* (6 ta' Jannar 2001), 6, fejn il-Papa jirreferi għal-Liturġija ta' maħfra tat-12 ta' Marzu 2000, fis-sena tal-Ġublew, u jgħid hekk: "Din it-'tisfija tal-memorja' saħħet il-passi tagħna għall-mixja tagħna lejn il-ġejjieni u għamlitna aktar umli u attenti aħna u nilqgħu l-Evanġelju."

mhux nisrani. Qed jikber l-għadd ta' Maltin li waqt li jistqarru u jħossu li huma Kattoliċi, iħossu wkoll li jistgħu jagħżlu dak li jżommu u dak li jwarrbu mit-tagħlim Kattoliku, u fl-istess ħin isostnu li jibqgħu jissejħu Kattoliċi.

Waqt li l-valuri li tradizzjonalment sawru u għaqqdu s-soċjetà tagħna jidhru li għadhom jeżistu, qed tidħol imġiba oħra l-aktar fejn tidħol il-moralità sesswali u r-relazzjonijiet bejnietna. Issa, l-edoniżmu u l-konsumiżmu jinsabu fostna, iżda l-ġenerożità għadha qawwija u komuni. Hemm għarfien ħafna akbar tal-bżonnijiet partikolari – fiżiċi jew ta' xort'oħra – li għandhom ħafna membri tas-soċjetà. Hija soċjetà li tixtieq tkun inkluživa. Hemm għarfien akbar minn qabel tal-ħtieġa li nħarsu l-ambjent u d-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri. Il-Poplu ta' Alla f'pajjiżna jgħix u jaqsam l-aspirazzjonijiet u l-qtigħ ta' qalb, il-mumenti sbieħ u koroh, il-waqtiet pożittivi u negattivi, il-ferħ u n-niket tal-poplu Malti.[2]

## Nemmnu fl-imħabba tal-Mulej imwassla lilna permezz tal-Knisja

5

Il-Poplu ta' Alla f'pajjiżna jafferma l-fidi tiegħu (i) fil-preżenza ħajja u dinamika ta' l-Ispirtu Qaddis fl-istorja tagħna llum daqs kemm kienet ilbieraħ; (ii) fir-rilevanza kbira li l-Aħbar it-Tajba tal-Mulej Ġesù għandha għan-nies ta' żmienna; (iii) fl-imħabba kbira li biha l-Missier iħares lejna lkoll. Aħna nemmnu li din il-preżenza, rilevanza u mħabba jitwasslu lilna u lin-nies ta' żmienna b'mod privileġġjat minn komunità li hi l-Knisja, istituzzjoni divina u umana fl-istess ħin. Aħna ma nħarsux lejn il-bidliet li minnhom għaddejja s-soċjetà Maltija bil-biża' u bit-tregħid. Ma narawx f'dan it-tibdil theddida. Pjuttost naraw sfida u opportunità ġdida. Għalhekk aħna nirreżistu t-tentazzjoni li lill-Knisja nirriduċuha f'fortizza fejn nistkennu mill-assalt tal-Ħażin, u nemmnu li l-Knisja f'pajjiżna għandha kontribut pożittiv u importanti ħafna x'tagħti fit-tiswir tal-ġejjieni tas-soċjetà f'pajjiżna.

2 Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes* (7 ta' Diċembru 1965), 1.

## Imsejħin biex naqdfu 'l barra fil-fond

6

Aħna rridu nkunu Knisja li ssegwi l-kliem ta' Ġesù meta ġurnata waħda, wara li kellem il-folol mid-dgħajsa ta' Xmun, stieden lill-Appostlu biex jaqdef 'il barra għal qabda: *Duc in altum*... "Aqdef 'il barra fil-fond" (Lq 5,4)[3] ... Din hija stedina biex ninqalgħu minn max-xatt tas-sigurtà falza biex niskopru l-preżent u nħarsu lejn il-futur inċert jekk mibni fuq il-fraġilità tagħna, iżda sabiħ jekk mitfugħ f'idejn il-Missier. Għalhekk l-esperjenza tas-Sinodu għandha tkompli tkun għalina ġrajja qawwija ta' grazzja biex nidħlu fil-fond tat-tifsira tal-Knisja u tas-sinjali taż-żminijiet ħalli naslu fejn iridna l-Missier.

## Tixbihat li jgħinuna nifhmu x'inhi l-Knisja

7

Din il-qadfa fil-fond tgħinna niskopru aspetti tal-Knisja li jgħinuna ħafna aktar minn oħrajn biex ninkarnaw l-Aħbar it-Tajba fil-qalb tas-soċjetà tagħna issa u llum. Biex nifhmu x'inhi l-Knisja, it-teoloġija tul is-sekli wżat għadd ġmielu ta' tixbihat. L-ebda waħda minnhom, waħedha, ma teżawrixxi dak li hi l-Knisja. Kull tixbiha tgħid xi ħaġa utli imma tħalli xi aspetti barra. Flimkien, dawn it-tixbihat jgħinuna nifhmu aktar x'inhi l-Knisja li tagħha aħna lkoll membri. Fost dawn ix-xbihat insibu bosta "meħudin mill-ħajja tal-kampanja jew mill-biedja jew mill-kostruzzjoni ta' bini jew mill-familja u miż-żwieġ":[4] għalqa, art tajba għall-biedja, bini ta' Alla, maqjel, dielja, tempju mqaddes, familja, Ġerusalemm tas-sema.[5] Għal ħafna sekli konna nħarsu lejn il-Knisja prinċipalment bħala omm u għalliema. Filwaqt li dan jibqa' validu u minnu, fis-sitwazzjoni ta' pajjiżna llum karatterizzata kif inhi,

[3] Ara *Novo Millennio Ineunte*, 1.

[4] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni dommatika *Lumen Gentium*, (21 ta' Novembru 1964), 6.

[5] Ara *Lumen Gentium*, 6; Pietru Pawl Zerafa,"Il-Knisja fit-Testment il-Qadim", *Knisja 2000* 13/52 (2000) 5-14; Ġużepp Calleja, "Il-Knisja ta' Kristu kif tidher fil-Vanġeli u fil-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli", *Knisja 2000* 13/52 (2000) 42-44.

fost l-oħrajn mill-pluraliżmu, ikun tajjeb li nħarsu lejn il-Knisja wkoll bħala **oħt u qaddejja**.

## Il-Knisja bħala oħt

8

Il-Knisja m'hijiex biss dik li twelled l-imgħammdin u tagħmilhom xebh ma' Kristu. M'hijiex biss dik li għandha l-missjoni li tgħallem u ddawwal il-kuxjenzi skond it-tagħlim ta' dak li qal: "Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja" (Ġw 14,6).

Fil-membri tagħha, il-Knisja hija komunjoni ta' aħwa u dan bil-qawwa ta' l-Ispirtu Qaddis li jagħmilna wlied Alla u aħwa ta' Kristu. B'komunjoni nifhmu dik ir-rabta ta' mħabba li tgħaqqadna flimkien għax imnisslin mill-ġdid fi Spirtu wieħed u magħmudija waħda (ara 1 Kor 12,13; Ef 4,5), u għax nieħdu sehem minn ħobża waħda u kalċi wieħed (ara 1 Kor 10,17). Nixtiequ nixbhu aktar lill-insara tal-bidu li "kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fil-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb" (Atti 2,42). Ir-relazzjonijiet ta' bejnietna, il-membri tal-Knisja, jeħtieġ li jkunu dejjem aktar relazzjonijiet ta' aħwa.

Fir-rabta tagħha mal-bnedmin l-oħra, il-Knisja nistgħu nħarsu lejha wkoll bħala oħt. Il-Knisja hija oħt għax takkumpanja lill-bnedmin tul il-mixja ta' ħajjithom fuq din l-art.[6] Aħna msejħin biex lil ħutna l-bnedmin nakkumpanjawhom bħala aħwa. Il-Knisja bħala oħt tgħin fit-twettiq tal-komunjoni tal-bnedmin ma' Alla u bejniethom.

## ... u qaddejja

9

Il-Knisja hi qaddejja kemm ta' Alla kif ukoll tal-bnedmin kollha li lilhom trid twasslilhom b'missjoni divina s-salvazzjoni li l-Missier irid jagħtihom

6 Ara Talba Ewkaristika V.

permezz tal-ħidma tagħha, fi Kristu, bil-qawwa u taħt it-tmexxija ta' l-Ispirtu s-Santu. Is-sens bibliku ta' **qaddej tal-Mulej** huwa li wieħed jingħata b'mod sħiħ għall-missjoni afdata f'idejh mill-Mulej stess. Il-Knisja li hi qaddejja tfittex li timita aktar bis-sħiħ lill-għarus tagħha Ġesù li "ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (Mt 20,28).

Ġesù huwa dak li fl-Aħħar Ċena "qam minn fuq il-mejda, neħħa l-mantar minn fuqu, ħa fardal u rabtu ma' qaddu. Imbagħad ferragħ l-ilma fil-lenbija, u beda jaħsel saqajn id-dixxipli u jixxuttahomlhom bil-fardal li kellu ma' qaddu" (Ġw 13,4-5). Din l-azzjoni profetika ta' l-Imgħallem hi ta' xhieda qawwija għalina lkoll. Tgħallimna li aħna, il-membri tal-Knisja, imsejħin biex inkunu qaddejja ta' ħutna l-bnedmin kollha, mingħajr distinzjoni. Knisja li hi qaddejja ma tibżax tidher u fil-fatt tkun dik li taqdi, speċjalment lil dawk li huma l-aktar batuti, imbegħdin jew diskriminati minn ħaddieħor.

## Marija turina kif inkunu aħwa u qaddejja tal-Mulej u tal-bnedmin kollha

10

Knisja li tisħaq fuq l-identità tagħha ta' qaddejja tagħraf ukoll li hi msejħa biex tixbah lil Marija, Omm il-Knisja. Marija tagħraf li hi "l-qaddejja tal-Mulej" (Lq 1,38) u tistqarr li Alla xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu (ara Lq 1,48). Marija, bniedma bħalna, toffrilna eżempju qawwi: bħala l-qaddejja tal-Mulej, turina t-triq kif insiru nsara ta' fidi u Knisja matura. L-istil ta' Marija jrid ikun, u jinħass u jidher, fl-istil ta' kif naħsbu, kif naslu biex nagħmlu l-għażliet tagħna u kif immexxu l-ħidmiet kollha tagħna.[7]

Permezz tax-xhieda li tagħtina Marija, aħna l-insara Maltin imsejħin biex niskopru mill-ġdid u nimpenjaw ruħna li flimkien magħha nkunu

[7] Ara Segretarjat għall-Katekeżi, *Il-Knisja min hi?*, Malta 1999, 128.

qaddejja ma' Kristu l-Mulej ta' l-aħwa kollha tagħna. Aktar ma nimitaw lil Marija u lil Binha aktar inħossu l-ħtieġa li npoġġu lilna nfusna qrib tal-bnedmin ħutna. Marija, l-ewwel dixxiplu ta' Ġesù, akkumpanjatu sa l-aħħar. Akkumpanjat lit-Tnax fil-bidu tal-missjoni tal-Knisja, u takkumpanja lilna lkoll għax hija oħtna – għax bniedma – u ommna – għax omm Kristu.

## Preżenza ta' servizz u ta' akkumpanjament

11

Il-Knisja li hi oħt u qaddejja turi li l-preżenza tagħha fis-soċjetà tagħna mhix waħda ta' dominanza iżda waħda ta' servizz lejn il-bnedmin kollha. Il-preżenza ta' oħt, għax hija wkoll preżenza ta' qaddejja, hi siekta u umli bħalma kienet dik ta' Ġesù f'Nażaret. Turi ruħha fil-ħajja ta' kuljum ta' niesna bil-ferħ u n-niket li ġġib magħha; drabi oħra f'attitudni ta' qadi u ta' għotja sħiħa għal kull min hu fil-bżonn, imma speċjalment għal dawk meqjusin bħala l-inqas; dejjem bil-għatx għall-ġustizzja li għaliha lesta tagħti kollox; li l-istil tagħha jkun wieħed li jimpurtaha u tagħti każ; twassal f'kull żmien il-Bxara t-Tajba li s-Saltna ta' Alla tinsab fostna; b'għajnejha u qalbha dejjem miftuħin għas-sinjali ta' din is-Saltna fostna, f'kelma waħda li tkun ħmira u melħ (ara Mt 5,13-14) fis-soċjetà tagħna, u għalhekk dejjem profetika.

## Flimkien naqraw is-sinjali taż-żminijiet fid-dawl ta' l-Evanġelju

12

Għalhekk, filwaqt li naqraw is-sinjali taż-żminijiet b'saqajna fl-art, niffokaw fuq viżjoni ta' Knisja bħala oħt u qaddejja. Matul is-Sinodu Djoċesan, il-Knisja, li hi **aħna lkoll flimkien** – isqfijiet, saċerdoti, reliġjużi u lajċi – għandha ħolma... Hija ħolma li ma tintemmx ma' l-għabex, imma li tkompli... għax tissarraf fi proġetti konkreti li jkunu ta' ġid mhux biss għall-imgħammdin Maltin, imma għall-bnedmin kollha ta' rieda tajba li flimkien isawru s-soċjetà tagħna.

Il-Knisja li hi f'Malta m'hijiex sajma minn ħafna minn dawn il-proposti. Ħafna diġà jsiru, imma xi wħud minnhom jistgħu jsiru bil-wisq aħjar. **Flimkien** jeħtieġ li naqraw is-sinjali taż-żminijiet, u nagħmlu l-għażliet meħtieġa fid-dawl ta' l-Evanġelju... għażliet li dejjem jitolbu **konverżjoni mill-qiegħ** mhux biss fil-persuni imma wkoll fi strutturi u fi gruppi. Din il-konverżjoni trid tibqa' sejra l-ħin kollu għax il-Knisja dejjem tiġġedded. Dan hu parti essenzjali mid**-dixxerniment komunitarju** li hu l-qalba tal-proċess tas-Sinodu Djoċesan.

## Dokument li għandu Pedament Trinitarju u Binja Kristoċentrika u Antropoloġika

13

Nixtiequ naqsmu din il-viżjoni għall-Knisja li hi f'Malta mal-komunità nisranija kollha, kif ukoll mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba li jgħammru fi gżiritna. Is-soċjetà Maltija tixtieq li aħna nkunu pro-attivi fil-proposti tagħna. Se nippruvaw infissru din il-viżjoni billi nipproponu dawn it-tliet aspetti prinċipali:

(a) Knisja li hi **sagrament u skola ta' komunjoni** (Pedament Trinitarju): dan ikun Kap II.

(b) Knisja ta' dixxipli ta' Kristu li jixtiequ jgħixu b'impenn akbar il-**qadi** ta' ħuthom kollha (Binja Kristoċentrika): Kap III.

(ċ) Knisja li – bħala **oħt** – permezz tal-membri tagħha takkumpanja lill-bnedmin kollha fit-toroq tal-ħajja (Binja Antropoloġika): Kap IV.



# KAP II

## KNISJA LI HI SAGRAMENT U SKOLA TA' KOMUNJONI

## Il-Knisja: Sagrament ta' komunjoni ma' Alla u bejn il-bnedmin 14

Inħarsu lejn il-Knisja bħala misteru, sagrament, għodda li fiha Alla jaħdem tabilħaqq għalkemm ma jidhirx.[8] Mela, il-Knisja hija misteru, jiġifieri realtà li turi u tagħmel preżenti realtà divina moħbija. Il-Knisja hija "sagrament ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha".[9] Barra minn hekk, il-Knisja hija "fi Kristu, bħal sagrament jew sinjal u strument ta' l-għaqda intima ma' Alla u ta' l-unità tal-ġens tal-bnedmin kollha".[10]

Il-Knisja, mela, hija **sinjal li juri** l-komunjoni u **strument li jagħmel li sseħħ** il-komunjoni tal-bniedem ma' Alla u tal-bnedmin kollha bejniethom. *Il-Katekiżmu tal-Knisja*[11] jgħallimna li "bħala sagrament, il-Knisja hi strument ta' Kristu. 'F'idejh hi strument ta' fidwa għall-bnedmin kollha'[12], 'is-sagrament universali ta' salvazzjoni'[13] li bih Kristu 'juri u jagħmel li sseħħ l-imħabba ta' Alla għall-bnedmin'.[14] Hi 'l-proġett li jidher ta' l-imħabba ta' Alla għall-ġens kollu tal-bnedmin',[15] li jrid 'li l-ġens tal-bnedmin, kollu kemm hu, ikun il-poplu wieħed ta' Alla, miġbur fil-Ġisem wieħed ta' Kristu, mibni f'tempju wieħed ta' l-Ispirtu s-Santu'".[16] Dan hu l-ewwel għan tal-Knisja ta' Kristu – li tkun sagrament ta' l-għaqda intima tal-bnedmin ma' Alla: "Għaliex l-għaqda tal-bnedmin bejniethom għandha l-għeruq tagħha

8 Ara Kardinal Carlo M. Martini, *Parole sulla Chiesa*, Milano 1986, 57.

9 *Gaudium et Spes*, 45.

10 *Lumen Gentium*, 1.

11 *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (1992), par. 776.

12 *Lumen Gentium*, 9.

13 *Ibid.*, 48.

14 *Gaudium et Spes*, 45.

15 Pawlu VI, Diskors lill-Kulleġġ tal-Kardinali fl-10 anniversarju tal-Pontifikat (22 ta' Ġunju 1973): *Insegnamenti di Paolo VI (1973)*, Vol. XI, Città del Vaticano, 1974, 642.

16 Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad Gentes* (7 ta' Diċembru 1965), 7. Ara *Lumen Gentium*, 17.

fl-għaqda ma' Alla, il-Knisja hi wkoll sagrament ta' l-għaqda tal-ġens kollu tal-bnedmin".[17]

Huwa għalhekk li l-Knisja hi sagrament u skola ta' komunjoni. Din hi r-raġuni li "kull ma jsir mill-Knisja – attivitajiet, organizzazzjonijiet, għaqdiet u movimenti, katekeżi, liturġija, djakonija – għandu jwassal biex il-Knisja ssir 'is-sagrament ta' l-għaqda tat-Trinità Qaddisa u tal-bnedmin'".[18]

## "Ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina" (Ġw 17,21)

15

L-għaqda ta' bejnietna hi, kif qalilna Ġesù, l-aqwa xhieda li nistgħu nagħtu li aħna dixxipli tiegħu: "Nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni" (Ġw 17,21). Permezz tal-Magħmudija, "il-komunità ta' l-imgħammdin issir fiha nfisha l-komunità ta' dawk kollha li huma mmarkati bis-sinjal tat-Trinità Qaddisa. Flimkien, din il-komunità ssir xhieda tal-komunjoni li hemm fit-Trinità Qaddisa... Il-ħajja tal-komunità nisranija, tal-Knisja, għalhekk trid tkun immarkata b'mod qawwi mill-preżenza tat-Trinità Qaddisa fi ħdanha, biex issir Ikona tat-Trinità Qaddisa".[19]

## Nixbhu lill-Missier, u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu

16

Dan nistgħu nifhmuh aħjar billi nġibu quddiem il-moħħ fqajjar u limitat tagħna lit-tliet Persuni tat-Trinità. Il-Knisja hija tabilħaqq Ikona tat-Trinità fix-xhieda u l-għajxien ta' kull Persuna tat-Trinità Qaddisa fiha.

17 *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, par. 775.

18 *Il-Knisja min hi?*, 20.

19 Pawl Cremona, *Il-Knisja, Ikona tat-Trinità Qaddisa*, Malta 2000, 17.

"Fil-Missier u l-Grazzja tiegħu, il-Knisja ssir sagrament: 'Roddu ħajr lill-Missier li għamilkom denji li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin fis-Saltna tad-dawl...' (Kol 1,12). Il-komunità ta' l-insara kollha ssir preżenza ta' grazzja fi ħdan l-umanità kollha: issir sagrament tal-grazzja tiegħu fid-dinja. Meta ssir tixbah lill-Iben magħmul bniedem, il-komunità tal-fidili ssir hi stess Sinjal u Triq għal dawk li jixtiequ jsiru jafu lil Alla, u qegħdin ifittxu li jogħġbuh...Meta terġa' tiddisponi ruħha biex tixtieq u tilqa' mill-ġdid il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fostha, hija ssir strument tal-fidwa għall-oħrajn. Il-Knisja ssir tiġdid ta' dak li ġara f'Pentekoste: tibda titkellem b'mod ġdid, li anki jekk mhux dejjem jiftiehem, iżda jferraħ il-qalb, u tibda ssir iktar xbieha tat-Trinità Qaddisa għaliex tibda tgħix mhux f'għeluq fiha nfisha, iżda għall-oħrajn, biex twassal il-Bxara t-Tajba".[20]

## Dar
## u skola tal-komunjoni

17

Biex tabilħaqq ngħixu din il-komunjoni, l-individwi u l-gruppi differenti (istituti ta' ħajja konsagrata u għaqdiet u movimenti, eċċ.) għandhom jagħrfu aktar ċar u jagħtu xhieda aktar ħajja tal-kariżmi tagħhom b'mod li l-membri l-oħra tal-Knisja jkunu jistgħu jilqgħuhom u japprezzawhom bħala rikkezza fi ħdan il-komunità u jifhmu wkoll li kull kariżma partikulari ngħatat għas-servizz tal-komunità ekkleżjali.[21] Hekk nagħrfu li biex tabilħaqq ngħixu din il-komunjoni, aħna rridu nsaħħu dejjem is-sens ta' l-identità tal-gruppi differenti li hemm fostna. Hekk nagħrfu li fil-Knisja – li għandha tgħix is-sejħa tagħha li tkun "**id-dar u l-iskola tal-komunjoni**"[22] – hemm post għal kulħadd u li aħna lkoll nikkumplimentaw lil xulxin, u hekk tissaħħaħ u mhux tiddgħajjef l-għaqda.

Għalhekk, bħala Knisja għandna nkomplu niskopru l-għana tal-ministeri u tal-ministerjalità. Hekk, il-Knisja tissaħħaħ fil-komunjoni u din

20 *Ibid.*

21 Ara *Lumen Gentium*, 12.

22 *Novo Millennio Ineunte*, 43.

issir l-istil tal-ħajja u l-ħidma tagħha meta fl-atteġġjament tal-membri tagħha tkun aktar estroverta u għalhekk tħares 'il barra minnha nfisha. Tkompli tissaħħaħ fil-komunjoni ta' rwoli, kariżmi u ministeri differenti li jikkollaboraw flimkien.

- Dan iwassal u jgħin biex bħala Knisja flimkien niskopru għadd ta' ministeri fil-komunità. Dawn l-Insara ħutna jingħataw minn min għandu r-rwol li jmexxi ministeri rikonoxxuti skond dak il-qasam li fih huma msejħin biex jagħtu l-għajnuna (p.eż. katekeżi, letturi, ministeru tat-tqarbin, djakonija ma' l-anzjani u l-morda, akkoljenza, ministeru fost il-familji, fil-qasam tal-ġustizzja soċjali, eċċ.).
- Dan naslu għalih billi 'nagħmlu spazju' u 'nagħmlu tagħna' l-ministeri u l-kariżmi ta' l-oħrajn. Għandna nagħrfu l-importanza u l-utilità ta' l-istrutturi diġà eżistenti (bħal-laqgħat tad-delegati ta' l-Arċisqof, il-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri Reliġjużi, il-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi …) u, jekk hemm bżonn, jiżdiedu oħrajn magħhom.
- Tajjeb li jitnieda proċess ta' edukazzjoni tal-komunità nisranija dwar il-ministeri fi ħdan il-Knisja.

## Spiritwalità tal-komunjoni fil-prattika

18

Fil-Knisja hemm ħafna riżorsi li jistgħu jiġu użati ferm aħjar. Ħafna individwi jew gruppi tiġihom it-tentazzjoni li jippreferu jaħdmu għal rashom. L-ispiritwalità tal-komunjoni ma tistax tibqa' biss idejal sabiħ li nitkellmu dwaru u nitolbu li nħaddnu, jekk imbagħad ma nfittxux li npoġġuh fil-prattika bis-serjetà. Għalhekk irridu verament nimxu flimkien. Fi Knisja li hi komunjoni ta' kariżmi u ta' ministeri diversi "kulħadd hu msejjaħ biex jaħdem flimkien biex iġib 'il quddiem is-saltna ta' Kristu".[23]

23 Ġwanni Pawlu II, Omelija fuq il-Fosos, Floriana, Malta (9 ta' Mejju 2001) 6.

- Nemmnu bil-qawwa li matul il-proċess kollu ta' dan is-Sinodu u fis-snin ta' wara, hu meħtieġ li jittieħdu passi konkreti li jwasslu biex:

    (i) l-Arċisqof, kleru u reliġjużi jkunu tassew qrib xulxin u aktar qrib il-poplu;

    (ii) ir-relazzjoni bejn is-saċerdoti u l-lajċi tirrifletti l-missjoni, ir-rwol u d-dinjità ta' l-istat rispettiv tagħhom;

    (iii) is-saċerdoti djoċesani u r-reliġjużi jaħdmu flimkien l-aktar fejn ikun hemm knejjes tar-reliġjużi f'parroċċi mmexxija minn saċerdoti djoċesani;

    (iv) tiġi stabbilita x'għandha tkun ir-rabta bejn il-parroċċa u ż-żoni fi ħdan l-istess parroċċa;

    (v) parroċċi viċin xulxin jaqsmu r-riżorsi bejniethom u bi ftehim ċertu ħidmiet isiru f'parroċċa waħda b'servizz għall-oħrajn kollha;

    (vi) ir-reliġjużi nisa bħala persuni u s-sehem tagħhom fil-Knisja jkunu verament apprezzati u mħaddma għall-qadi tas-Saltna fid-dawl tas-sinjali taż-żminijiet;

    (vii) il-persuni b'diżabilità jħossuhom parti integrali mill-Knisja.

- L-ispiritwalità tal-komunjoni trid tintwera wkoll billi parroċċi u entitajiet tal-Knisja jagħtu għajnuna finanzjarja lil dawk is-sezzjonijiet tal-Knisja li għandhom problemi kbar ta' finanzi, bħalma huma Żoni Awtonomi ġodda, anke jekk dan ifisser sagrifiċċju min-naħa tagħhom.

- Għandha tiġi studjata struttura organizzattiva ta' distretti u unitajiet pastorali bħala waħda mill-possibbiltajiet biex jitwettqu dawn il-proposti.

## Il-missjoni u r-rwol ta' l-Isqof

19

L-Isqof huwa l-animatur prinċipali ta' din l-ispiritwalità ta' komunjoni. "L-isqof, mibgħut minn Missier il-familja biex imexxi l-familja tiegħu, għandu

jżomm quddiem għajnejh l-eżempju tar-Ragħaj it-Tajjeb li ġie mhux biex ikun moqdi imma biex jaqdi (ara Mt 20,28; Mk 10,45) u jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu (ara Ġw 10,11)... Għalhekk il-membri tal-Poplu ta' Alla għandhom iżommu ruħhom magħqudin ma' l-Isqof bħall-Knisja ma' Ġesù Kristu u bħal Ġesù Kristu mal-Missier".[24]

- Għandu jkun hemm edukazzjoni kontinwa tal-komunità nisranija biex il-missjoni u r-rwol ta' l-isqof tingħaraf dejjem iżjed, u biex kemm jista' jkun l-isqof jinħeles minn preokkupazzjonijiet ta' natura amministrattiva li jfixkluh fit-twettiq tal-missjoni proprja tiegħu.

## Strutturi ta' komunjoni fuq kull livell

20

Meta nitkellmu dwar il-komunjoni m'għandniex nibqgħu biss fuq livell astratt. Il-komunjoni għandha tissarraf f'azzjonijiet, strutturi u *policies* konkreti – anzi stil ta' ħajja sinodali – kemm fuq livell ta' djoċesi, kemm fuq livell ta' parroċċi, kif ukoll fuq livelli oħra (moviment, għaqda, grupp, post tax-xogħol, u saħansitra ġol-familja). Il-komunjoni ma tfissirx biss li jkunu kostitwiti l-istrutturi ta' konsultazzjoni (p.eż. il-Kunsill Presbiterali, Kunsilli Pastorali – djoċesan u parrokkjali) – iżda li dawn ikunu stmati bis-serjetà billi jagħmlu differenza. Teżisti diżillużjoni riżultat tad-diversi drabi meta dawn l-istrutturi ntużaw biss għall-formalità u mhux għas-sustanza.

- Nagħrfu l-bżonn li din il-komunjoni naslu għaliha fuq livell djoċesan, fejn hemmhekk inħossuna bħala l-Knisja f'Malta. Din għandha turi ruħha fiċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani bis-sehem li lkoll għandna nagħtu kemm f'ħidma kif ukoll fi preżenza.

- Il-Kunsill Presbiterali u l-Kunsilli Pastorali (djoċesan u parrokkjali) għandu jkollhom infrastruttura tajba u jkollhom is-saħħa

[24] *Lumen Gentium*, 27.

biex iwettqu bis-serjetà s-servizz mitlub minnhom. Huwa importanti li nifhmu l-għan ta' dawn l-istrutturi. Issir esperimentazzjoni bil-għan li dawn l-istrutturi jsiru kemm jista' jkun rappreżentattivi u jinħassu bħala tali mill-membri tal-Knisja f'Malta ħalli hekk, fi spirtu veru ta' komunjoni, kulħadd ikollu sehem, dirett jew indirett, fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli differenti tar-realtà ekkleżjali f'Malta.

## Kulħadd jagħti s-sehem tiegħu f'koordinament ma' l-oħrajn

21

L-ispiritwalità tal-komunjoni f'ġemgħa ta' aħwa u dixxipli ta' Kristu sseħħ daqskemm kull membru tal-Knisja **jagħti s-sehem proprju u importanti tiegħu** fi ħdan il-komunità ekkleżjali. Il-membri **kollha** tal-Knisja għandhom jiskopru dejjem aktar il-vokazzjoni tagħhom, jiġifieri x'inhi l-identità u r-rwol tagħhom fil-Knisja.[25]

- F'kull livell tal-komunità ekkleżjali tagħna, iżda l-aktar fil-livell ta' ħidma djoċesana, għandna bżonn urġenti ta' formazzjoni ta' mexxejja b'saħħithom li jkunu kapaċi jnisslu fiduċja, jimmotivaw tassew, ikollhom u jkunu kapaċi jwasslu viżjoni, jistmaw u jivvalutaw tassew lill-membri u jnisslu **spirtu ta' koordinament veru** f'oqsma differenti fid-djoċesi, kif ukoll bejn l-għaqdiet u l-movimenti.

## Tmexxija li timmotiva, li tikkoordina, li tiddelega...

22

Fl-Arċidjoċesi għandna bżonn kemm ta' stil ta' **tmexxija kariżmatika** kif ukoll stil ta' **tmexxija maniġerjali**. Huwa meħtieġ li r-riżorsi tal-Knisja f'Malta, li huma ħafna, jitħaddmu aħjar b'**aktar koordinament**. Hija ħasra li minkejja diversi programmi u pjani pastorali għadek tara u tisma' bi sparpaljar ta' talenti u riżorsi.

25 Ara *Novo Millennio Ineunte*, 46.

Dan żgur jonqos jekk, qabel xejn, ikun hemm konverżjoni tal-qalb. Ikompli jonqos jekk mill-mexxejja f'kull livell ikun hemm linja ta' direzzjoni ċara u tmexxija li tispira. Ikompli jonqos jekk l-operaturi pastorali – kemm saċerdoti kif ukoll lajċi – jingħataw taħriġ fi stil ta' tmexxija mibnija fuq *teamwork* u koordinament kif ukoll jekk niskopru talenti ġodda. Dan jitlob l-użu ta' ħiliet ta' tmexxija li jiġu applikati fuq id-diversi livelli tal-Knisja. Isir taħriġ ta' mexxejja, kull wieħed skond il-kariżma tiegħu u skond is-sehem li jista' jagħti fil-Knisja.

- Tkun Knisja fejn jitħaddem tassew **il-prinċipju tas-sussidjarjetà** u dak tad-delegazzjoni. Tkun Knisja li toffri **formazzjoni kontinwa fit-tmexxija** (*ongoing formation*) mhux biss lill-mexxejja tagħha u dawk li b'xi mod qegħdin jagħtu sehemhom, imma lil kull min jixtieq jitgħallem aktar, kulħadd skond is-sitwazzjoni tiegħu.

## Id-dover u r-responsabbiltà tal-konsultazzjoni

23

Il-komunjoni tidher f'**konsultazzjoni vera** bejn l-awtoritajiet li għandhom id-dover morali li jagħmluha u jagħtuha l-piż li fil-kuxjenza għandhom jagħtuha, kif ukoll minn min hu fid-dover li jwieġeb b'responsabbiltà u b'sens qawwi ta' fedeltà u mħabba lejn il-Poplu kollu ta' Alla. Imma l-konsultazzjoni trid tkun ukoll fuq livell orizzontali. Il-komunjoni vera tinbena u tissaħħaħ ukoll meta l-aħwa jikkonsultaw lil xulxin. Huwa indispensabbli li din il-konsultazzjoni ssir fuq kull livell. Il-konsultazzjoni finta tagħmel aktar ħsara milli ġid.

## Is-saċerdot bennej tal-komunjoni

24

Il-komunjoni tidher daqskemm is-saċerdoti jaħdmu aktar id f'id bejniethom u ma' kulħadd. Kulħadd irid jingħata l-ispazju biex jaħdem. Għandna bżonn

ta' saċerdoti li barra li jkunu attivi, ikunu aktar qrib ta' Alla u tal-Poplu tiegħu. Għandhom jaħdmu mhux għal xi ambizzjoni personali imma għall-glorja ta' Alla. Is-saċerdoti, fil-kliem, fil-ħidma u fit-tagħlim tagħhom għandhom jevitaw dak kollu li jġib il-firda, u jsostnu dak li jġib u jsaħħaħ il-komunjoni.

- Is-saċerdoti djoċesani għandhom irawmu dan is-sens ta' komunjoni mhux biss fil-parroċċi u l-gruppi afdati f'idejhom, iżda l-ewwelnett bejniethom. Għandhom jiġu inkuraġġiti laqgħat informali bejniethom u mal-mexxejja tagħhom, kif ukoll sens ta' ħbiberija u solidarjetà umana bejniethom. Dan kollu jkun għas-servizz tal-komunjoni.

- Għandhom imbagħad irawmu dan is-sens ta' komunjoni fil-parroċċi u l-gruppi afdati f'idejhom, fuq kollox billi juru rispett, fiduċja u apprezzament għall-ħidma u d-doni diversi ta' kulħadd.

- Is-saċerdoti għandhom ikunu dejjem mismugħa u apprezzati, u jsibu, l-aktar mill-organi ċentrali, l-appoġġ meħtieġ meta jiġu bżonnu.

- Is-saċerdoti jiġu mhux biss imħeġġa imma mistenni minnhom li kull sena jagħmlu rtir ta' ġimgħa u kors ta' aġġornament teoloġiku-pastorali.

- Is-saċerdoti djoċesani għandhom jiġu mħeġġa jagħmlu esperjenzi pastorali u ta' Knisja barra minn xtutna minn żmien għal żmien, biex hekk jinfetħu għal modi differenti ta' kif tgħix il-ħajja nisranija fil-milja tagħha.

## Id-djakonat permanenti: ministeru ieħor fil-Knisja

25

Id-djakonat permanenti kien ġie restawrat mill-Konċilju Vatikan II mhux minħabba nuqqas ta' saċerdoti u reliġjużi imma għax huwa kariżma oħra fil-Knisja.[26] Id-djaknu permanenti jagħni l-pastorali tal-Knisja, speċjalment fl-oqsma tal-karità u l-assistenza.

[26] Ara *Lumen Gentium*, 29.

- Is-Sinodu jitlob li jiġi studjat it-tifsir u s-siwi tad-djakonat permanenti. Għandha tiġi studjata bis-serjetà l-possibbiltà li jiġi introdott dan il-ministeru fil-komunità ekkleżjali Maltija.

## Is-sehem prezzjuż tal-mara fil-Knisja

26

Meta bħala Knisja nifhmu u ngħixu aktar x'jiġifieri komunjoni, dan jgħin biex napprezzaw aktar **is-sehem tal-mara** fis-soċjetà, fid-dinja tax-xogħol u fil-Knisja stess mhux bil-kliem biss, imma fuq kollox bil-fatti.

- In-nisa jistgħu jkunu afdati b'oqsma ta' responsabbiltà fil-Knisja, ngħidu aħna bħala delegati ta' l-Arċisqof f'ċerti segretarjati (p.eż. ta' l-edukazzjoni), kif ukoll f'kull struttura u organu tad-djoċesi fejn dan jew hu kontemplat mil-Liġijiet tal-Knisja jew inkella mhux eskluż minnhom.
- Nixtiequ wkoll li jintuża lingwaġġ inkluživ fil-liturġija u fid-dokumenti tal-Knisja lokali. Il-proċess tar-reviżjoni tat-testi liturġiċi bil-Malti u l-kompożizzjoni ta' talbiet ġodda għandu jqiegħed din il-ħaġa fil-prattika.

## Ix-xhieda tal-ħajja konsagrata

27

Biex tkompli tkun dejjem isbaħ milli hi, huwa meħtieġ li bħala Knisja niskopru mill-ġdid kemm **il-kariżmi reliġjużi** kif ukoll **id-dimensjoni kontemplattiva** li hemm fiha. Dawn l-aspetti jgħinu lill-Knisja tkun dak li suppost tkun għall-bnedmin kollha. Il-ħajja konsagrata hi xhieda ta' l-esiġenzi radikali ta' l-Evanġelju u ta' l-Assolut fil-ħajja tal-bniedem. Dawk li jħaddnu l-ħajja konsagrata jagħtu "ruħhom għal Alla..., jimxu fuq il-passi ta' Kristu u jiċħdu d-dinja b'kull ma fiha biex, bi spirtu ta' faqar u b'qalb umli jaqdu lil Alla bil-fedeltà f'ħuthom".[27] Biex jingħeleb in-nuqqas ta'

27 Missal Ruman, Kolletta tal-Quddiesa għal xi Ħtiġijiet: Għar-Reliġjużi.

kredibilità, hu meħtieġ li tingħata xhieda kollettiva minn dawk li jħaddnu l-ħajja konsagrata.

Għalhekk ir-reliġjużi fil-Knisja għandhom jagħtu xhieda ta' ħajja komunitarja, l-ewwel u qabel kollox, **bejniethom stess**. Huma msejħin biex jagħtu "xhieda ta' dak il-pjan għall-għaqda li għandu jkun il-qofol tal-ġrajja tal-bniedem skond il-pjan ta' Alla u jwettquh".[28] Hu għalhekk li r-responsabbiltà u r-rwol tagħhom hu li jgħixu l-kariżma tal-komunjoni u jagħtu xhieda tagħha fil-Knisja u quddiem id-dinja. Għandhom "ikunu qalb waħda bejniethom, iqisu 'l xulxin l-istess, u jħeġġu 'l xulxin għall-imħabba u l-għemejjel tajba biex bil-ħajja qaddisa tagħhom jidhru kullimkien bħala xhieda veri ta' Ġesu".[29]

## "Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa li l-aħwa jgħammru flimkien!" (Salm 133,1)

28

L-ispiritwalità tal-komunjoni hi meħtieġa biex tagħti l-ħajja lill-komunitajiet ta' ħajja konsagrata. Din l-ispiritwalità, kif għandha tingħex minn dawk li jħaddnu din il-ħajja, twassal għall-qdusija u għall-missjoni permezz tal-komunità. L-aħwa fil-komunità "isiru sagramenti ta' Kristu u tal-laqgħa ma' Alla... (u mezz żgur) biex jingħex il-kmandament ta' l-imħabba u l-komunjoni Trinitarja... F'ambjent bħal dan isir aktar faċli li wieħed jaċċetta lill-oħrajn u li jifhimhom aħjar. Qiegħed jiġi riskopert il-valur divin u uman ta' meta wieħed liberament ikun fi ħbiberija ma' l-oħrajn u jaqsam magħhom mumenti ta' mistrieħ u ta' rikreazzjoni, bħad-dixxipli miġbura madwar Ġesù l-Imgħallem".[30]

28 Kongregazzjoni għar-Reliġjużi u Istituti Sekulari, *Vita e missione dei religiosi nella Chiesa: I. Religiosi e promozione umana* (1 ta' Awissu 1980), II, 24.

29 Missal Ruman, Talba wara t-Tqarbin tal-Quddiesa għal xi Ħtiġijiet: Għar-Reliġjużi.

30 Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Konsagrata u s-Soċjetajiet ta' Ħajja Appostolika, Istruzzjoni *Nerġgħu nibdew minn Kristu* (19 ta' Mejju 2002), 29.

## L-għana tal-kariżmi reliġjużi għall-ġid tal-Knisja

29

Il-Knisja f'Malta għandha ħafna x'tirċievi mingħand il-membri tal-ħajja konsagrata, u huma għandhom responsabbiltà kbira lejn l-insara Maltin u lejn kull min jgħix fi gżiritna. Il-Knisja, li hi aħna lkoll flimkien, tħares lejn "l-eżempju ta' dawk il-komunitajiet fejn il-ħerqa għal xulxin tgħin biex tingħeleb is-solitudni, fejn il-komunikazzjoni ma' xulxin tħeġġeġ għall-qsim flimkien ta' kull responsabbiltà, fejn il-maħfra tfejjaq it-tiġrib, u fejn jissaħħaħ l-impenn ta' kull wieħed fl-għaqda bejniethom. F'dawn il-komunitajiet in-natura tal-kariżma tagħhom tmexxi l-enerġiji ta' kulħadd, twettaq il-fedeltà tagħhom u twassal għal għan wieħed l-appostolat ta' kulħadd".[31]

Bil-koperazzjoni u l-kollaborazzjoni tagħhom ma' l-Isqfijiet, mal-kleru djoċesan, ma' reliġjużi oħra u mal-lajċi, ir-reliġjużi jkomplu jpoġġu fil-prattika l-għana tal-kariżmi tagħhom, u "jgħinu l-Knisja turi dejjem aktar fil-fond l-għaqda intima tagħha ma' Alla u l-għaqda tal-ġens kollu tal-bnedmin".[32]

- Għandhom jikkollaboraw u jagħmlu proġetti ma' reliġjużi oħra u mal-membri kollha tal-Knisja, l-aktar fil-kuntest tal-pjan pastorali tad-djoċesi. Huwa importanti li filwaqt li ssir din il-kollaborazzjoni, tibqa' tidher, tinħass u tingħex il-kariżma proprja tal-familji reliġjużi differenti. Barra xhieda komunitarja, insemmu l-ħtieġa ta' xhieda ta' profezija li toħroġ mir-radikalità ta' ħajja skond l-Evanġelju.

- Inizjattivi ġodda mir-reliġjużi għandhom jiġu mistħarrġa fid-dawl tal-ħtiġijiet tal-Poplu ta' Alla u speċjalment ta' dawk li huma l-iktar fil-bżonn u fil-kuntest tal-pjanifikazzjoni tad-djoċesi.

[31] Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Vita Consecrata* (25 ta' Marzu 1996), 45.

[32] *Ibid.*, 46.

- Il-komunitajiet ta' ħajja konsagrata għandhom jagħmlu promozzjoni aħjar tal-kariżma tagħhom (jiġifieri tissaħħaħ aktar il-pastorali vokazzjonali għall-ħajja konsagrata).

- Ikompli bis-sħiħ l-isforz biex ikun hawn monasteru ta' kontemplattivi rġiel ġewwa Malta.

- Barra minn hekk, b'kuraġġ għandna nilqgħu l-isfidi ta' forom ġodda ta' ħajja konsagrata, fosthom anke dik ta' l-Istituti Sekulari. Għalhekk irridu nkunu miftuħin għal forom ġodda ta' ħajja konsagrata lil Alla, kemm fi gruppi kontemplattivi, kif ukoll f'dawk appostoliċi.

- L-ordnijiet reliġjużi jiftħu l-kunventi tagħhom biex lajċi jkunu jistgħu jagħmlu esperjenza ta' spiritwalità u ta' kontemplazzjoni. Il-monasteri tal-klawsura jkunu mħeġġa biex jgħinu lill-komunità nisranija fil-mixja spiritwali tagħha billi joffru servizzi ta' akkumpanjament spiritwali, u fejn hu possibbli, ta' rtiri.

## Kuntatti lil hinn minn xtutna

30

Il-komunjoni għandha titħaddem fir-relazzjoni tagħna ma' djoċesijiet oħra. Qabel xejn mad-Djoċesi ta' Għawdex, fejn ikun hemm il-possibbiltà ta' djalogu kontinwu fuq il-livelli kollha, ibda mill-Konferenza Episkopali, kif ukoll fi strutturi oħra fi ħdan iż-żewġ djoċesijiet li jkunu qed ifasslu *policies* maġġuri ta' pastorali.

Il-vokazzjoni partikulari ta' Malta hi li tibni pontijiet bejn l-Afrika u l-Ewropa, u dan jista' jseħħ permezz ta' djalogu bejn il-kulturi u r-reliġjonijiet. Kif ħeġġiġna s-suċċessur ta' Pietru, irridu nkomplu t-tradizzjoni ta' ospitalità, u l-impenn tagħna favur il-libertà, il-ġustizzja u l-paċi.[33]

[33] Ara Ġwanni Pawlu II, Diskors tat-Tluq, Ajruport Internazzjonali ta' Malta (9 ta' Mejju 2001).

Il-komunjoni għandha tidher fir-relazzjonijiet tagħna ma' membri ta' reliġjonijiet oħra fil-Mediterran, fl-Ewropa u fid-dinja.

- Għalhekk biex ngħixu l-komunjoni fuq livell wiesa' għandna nżommu rabtiet ħajja ma' kattoliċi u nsara oħra barra minn pajjiżna, speċjalment fi gruppi u movimenti internazzjonali. Għandna nħeġġu lill-membri Maltin jgħixu esperjenzi ta' Knisja barra minn xtutna, u nistiednu barranin fostna.

- Bi spirtu ta' kreattività, il-Knisja f'Malta għandha tistudja inizjattivi ta' ħidma pastorali fost eluf ta' turisti li jżuru pajjiżna kull sena, u nies barranin oħra li għal xi raġuni oħra jgħixu fostna.

- Tajjeb li jkun hemm proġetti konkreti ta' djalogu bejn ir-reliġjonijiet li jinstabu fil-Mediterran jew bejn denominazzjonijiet insara. Dan jista' jsir, per eżempju, permezz tal-Fakultà tat-Teoloġija.

## "... u ħobb lil għajrek bħalek innifsek" (Mt 22,39)

31

Din il-viżjoni ta' Knisja-komunjoni tfisser li "nieqfu lill-ħajriet egoistiċi li jaqbdu magħna bla waqfien u jqanqlu l-kompetizzjoni, karririżmu, sfiduċja u għira. Ejjew ma nitqarrqux: jekk ma nimxux f'din it-triq spiritwali, l-istrutturi esterni tal-komunjoni ftit li xejn jistgħu jkunu ta' siwi għalina. Isiru mekkaniżmi mingħajr ruħ, 'maskri' ta' komunjoni, aktar milli mezzi li jfissru din il-komunjoni u jgħinuha tikber u tiżviluppa".[34]

[34] *Novo Millennio Ineunte*, 43.

Għalhekk irridu flimkien ninfetħu għal spiritwalità anqas individwalista – bla ma nittraskuraw spiritwalità profondament personali u għaqda intima ma' Alla – u aktar miftuħa għall-oħrajn. Niftakru li t-tieni kmandament hu bħall-ewwel wieħed u li huma inseparabbli.



# Kap III

## DIXXIPLI TA' KRISTU IMPENJATI FIL-QADI TA' L-AĦWA KOLLHA

## Iċ-ċentralità ta' Kristu l-Mulej, il-Qaddej ubbidjenti

32

Il-Knisja hija l-Ġisem Mistiku ta' Kristu. Kull riflessjoni teoloġika u pastorali dwar il-Knisja għandha tisħaq dwar iċ-ċentralità ta' Kristu l-Mulej, li jagħti ħajja u qawwa u direzzjoni lill-Knisja tiegħu bl-għoti ta' l-Ispirtu s-Santu, li jmexxiha lejn il-Missier biex hekk ilkoll ikollna sehem fil-komunjoni tal-ħajja Trinitarja. Kristu huwa "l-Alfa u l-Omega, l-ewwel u l-aħħar, il-bidu u t-tmiem" (Apok 22,13); huwa dak "li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna" (Lh 12,2).

Il-viżjoni li qed nipproponu ta' Knisja bħala komunjoni ta' ministeri tiffoka fuq Kristu, "it-triq li twassalna għand (il-Missier), il-verità li teħlisna, il-ħajja li timliena bil-hena".[35] Il-ħarsa tagħna, l-insara Maltin, trid tkun imsammra "fuq il-wiċċ ta' Kristu".[36] Huwa wiċċ it-tbatija li tifdi, it-tbatija rebbieħa li ssib il-quċċata tagħha f'wiċċ Kristu Rxoxt.[37] Mela, "il-kontemplazzjoni tal-Knisja ta' wiċċ Kristu ma tistax tieqaf biss fuq ix-xbieha ta' l-Imsallab. **Huwa Dak li qam minn bejn l-imwiet!** Kieku ma kienx hekk, kieku fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna u fiergħa wkoll il-fidi tagħna (ara 1 Kor 15,14)".[38]

Filwaqt li nsammru l-ħarsa tagħna fuqu u nibnu ħajjitna fuq dan il-pedament, aħna rridu nfasslu l-eżistenza kollha tagħna u l-komunjoni ta' bejnietna fuq l-eżempju li jagħtina Ġesù. Hu, li hu l-Qaddis u l-Qaddej ubbidjenti tal-Missier, qiegħed isejħilna biex nagħtu widen għall-istedina tiegħu li noqogħdu f'riġlejh u nkunu dixxipli tiegħu. Bħal Kristu l-Qaddej irridu ngħidu: "Sidi l-Mulej tani lsien ta' wieħed jitgħallem, biex nagħraf

35 Talba Ewkaristika V, Prefazju C.

36 *Novo Millennio Ineunte*, 16.

37 Ara *ibid.*, 25-28.

38 *Ibid.*, 28.

ngħin lill-għajjien b'xi kelma. Ta' kull filgħodu jqajjimli 'l widinti biex nisma' bħal wieħed jitgħallem. Sidi l-Mulej fetaħli widinti, u jien ma webbistx rasi, ma rġajtx lura" (Is 50,4-5). Il-Knisja li tgħammar ġewwa Malta tixtieq tkun aktar qaddisa. Aħna, il-membri ta' din il-Knisja, imxennqin għall-qdusija, u nixtiequ nimitaw lil Ġesù fil-qadi tiegħu ta' dawk kollha li talbu l-għajnuna tiegħu.

## Dixxipli ta' Kristu 33

Għax il-Knisja f'Malta tixtieq tkun aktar kristoċentrika, aħna, il-membri tagħha, irridu nifhmu aktar x'jiġifieri nkunu dixxipli ta' Kristu, u nfittxu li nkunu hekk tabilħaqq. Kristu huwa l-Imgħallem waħdieni tagħna, dak li għandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem (ara Ġw 6,68). Aħna nixtiequ nimitaw lil Marija, Omm Ġesù, li għexet b'mod perfett id-dixxipulat. Hi mhux biss laqgħet il-Kelma ta' Alla,[39] imma baqgħet tgħożżha f'qalbha (ara Lq 2,51) u għexitha fil-milja kollha tagħha tul ħajjitha kollha.[40] Nixtiequ nimitaw ukoll lil Marija ta' Betanja li kienet tħobb tinżel "bilqiegħda f'riġlejn il-Mulej tisimgħu x'kien qiegħed jgħid" (Lq 10,39).

Għax nixtiequ nkunu dejjem aktar dixxipli skond il-qalb tal-Mulej, kollna mxennqin għalih, irridu nisimgħu b'attenzjoni akbar il-Kelma ta' Alla. Din il-Kelma, kemm-il darba nilqgħuha bis-sinċerità kollha, tibdilna mill-qiegħ, iddawwal il-passi tagħna, u, permezz tad-dixxerniment, tgħinna nagħmlu dawk l-għażliet li jrid il-Mulej fil-ħajja tagħna, kemm dik personali, kif ukoll bħala Knisja: "Bħalma x-xita u s-silġ jinżlu mis-smewwiet, u ma jerġgħux lura mnejn ġew bla ma jsaqqu l-art, imma jġegħluha tnissel u tnibbet, u tagħti ż-żerriegħa 'l min jiżra' u l-ħobż 'il min jiekol, hekk jiġri minn kelmti: hija toħroġ minn fommi, u ma terġax lura vojta, imma tagħmel dak li jogħġob lili, u ttemm dak li nkun bgħattha tagħmel" (Is 55,10-11).

39 Ara *Lumen Gentium*, 64.

40 Ara *ibid.*, 56-59.

## Aktar ma nkunu qrib ta' Kristu aktar nindunaw bil-ħtieġa tal-konverżjoni

34

Filwaqt li nsostnu ċ-ċentralità ta' Kristu fil-ħajja tagħna u fil-ħajja tal-komunità nisranija, irridu qabel kollox **nirringrazzjaw 'l Alla** għall-ħafna tajjeb li hemm fil-Knisja ta' Malta u fil-ħajja tagħha.[41] Nixtiequ nkomplu nibnu fuq dan. Fl-istess waqt, il-Knisja – biex tkun fidila għas-sejħa tagħha – trid tħares sew fil-mera tal-Kelma ta' Alla, tara u teżamina t-tikmix tagħha, u b'sinċerità kbira tammetti li teħtieġ **konverżjoni kontinwa personali u ekkleżjali**.

Fejn tidħol il-konverżjoni, kull persuna, grupp jew moviment, u kull struttura ekkleżjali teħtieġ li umilment tibda minn fejn fil-fatt hi, u twieġeb għall-isfida li, waqt li tgħix ħajja aktar konformi ma' l-Evanġelju, tħaddan u tgħix il-komunjoni skond il-kariżma partikulari tagħha. Din il-konverżjoni għandha tidher ukoll fi tħaddim aktar effikaċi ta' l-istrutturi eżistenti li għandha l-Knisja. Il-konverżjoni tibbaża ruħha fuq l-esperjenza tad-dgħufija u "faqar ta' l-ispirtu".

Aħna wkoll Knisja ta' midinbin, Knisja li dejjem tissaffa u tiġġedded, u dan m'għandux ibeżżagħna. Permezz tal-konverżjoni li tkellimna dwarha, il-ħajja tal-Knisja ssir aktar evanġelika. L-Evanġelju jixxandar bix-xhieda ta' ħajjitna. Hemm bżonn nagħtu xhieda aktar qawwija ta' solidarjetà u ta' komunjoni ma' kull min hu batut. L-għażla tal-fqar hi għażla li tinkludi lil kulħadd, u timplika l-konverżjoni tal-komunità kollha. Il-fqar "jaħbu" u jirrivelaw lil Kristu, speċjalment fil-misteru tas-salib.

- Biex din il-konverżjoni li qegħdin nitkellmu dwarha tkun aktar kredibbli u tissarraf f'konverżjoni ta' strutturi, il-Knisja tara li tqiegħed ir-riżorsi tagħha (persuni, kapaċitajiet, finanzi, postijiet, djar, skejjel,

[41] Ara l-Ittra Pastorali ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, *Fil-Bidu ta' Sinodu Djoċesan* (21 ta' Settembru 1999).

kunventi) għas-servizz tal-fqar "ġodda" u l-inqas ixxurtjati fis-soċjetà Maltija. Wasal iż-żmien li l-Knisja tistudja xi prijoritajiet għandu jkollha fl-oqsma pastorali, u b'mod speċjali tqis sewwa l-ħidmiet soċjali tagħha humiex qed jilħqu l-persuni l-aktar fqar tas-soċjetà Maltija.

- Issir katekeżi sistematika fil-parroċċi dwar il-Knisja bħala **komunjoni vera**. Din il-katekeżi ssir fuq livell "kapillari", jiġifieri li jilħaq kemm jista' jkun nies b'mod personali.

## Liturġija ħajja u skola ta' talb

35

Fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u fil-laqgħat li torganizza għal diversi kategoriji, il-Knisja għandha tħossha prijorità li lin-nies toffrilhom **esperjenza ta' Alla**. U għax Alla huwa l-kreatur, minflok nippreżentaw ritwali sterjotipati u anakronistiċi – kif jiġri kemm-il darba fil-liturġija tagħna l-aktar dik marbuta ma' xi festi – jeħtieġ li nwasslu liturġija ħajja, friska u kreattiva. Il-Knisja għandha tgħallem lil kulħadd x'jiġifieri titlob.

Il-Knisja għandha tkun **skola ta' talb**. It-talb jeħtieġ li ma jibqax jiġi ppreżentat bħala eżerċizzju primarjament individwalistiku ta' tikrib iżda tajjeb li nsaħħu l-perspettiva komunitarja u soċjali tiegħu. Inħeġġu li f'kull parroċċa ngħixu mill-aħjar li nistgħu l-Ewkaristija, il-qalba tal-komunjoni. Iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi għandhom ikunu tassew ċelebrazzjoni tal-ħajja tal-poplu li jemmen u li jesperjenza lil Alla fil-ħajja tiegħu ta' kuljum.

- Nixtiequ Knisja b'aktar tagħlim u riflessjoni u b'aktar liturġiji awtentiċi. Mill-"evanġelizzazzjoni l-ġdida" rridu ngħaddu għal ħajja sagramentali integrata mal-ħajja ta' kuljum.

- Kull parroċċa tieħu bis-serjetà l-formazzjoni fit-talb u fis-smigħ tal-Kelma.[42]

[42] Is-suġġett tal-liturġija hu ttrattat fit-tul fid-dokument tas-Sinodu *Liturġija u Sagramenti*.

## Knisja li għandha x'titgħallem mill-umanità wkoll

36

Nistgħu ngħidu li l-Knisja wkoll hija "dixxiplu" għax aħna, il-membri tagħha, dejjem infittxu u nsibu l-ġdid fit-teżor bla qiegħ li huwa l-Mulej Ġesù. Filwaqt li tibqa' dixxiplu **biss** b'rabta ma' Kristu, il-Knisja tista' titgħallem mill-umanità u mill-esperjenza tagħha dwar dawk li huma t-tamiet u x-xewqat, il-ħtiġijiet u l-uġigħ tagħha, kif ukoll titgħallem mill-bnedmin dwar il-mezzi umani l-aktar adatti biex twassal l-Aħbar it-Tajba. Aħna, il-membri tagħha, għandna ħafna x'nitgħallmu kemm mingħand xulxin, kif ukoll mingħand bnedmin oħra li jħaddnu saħansitra twemmin ieħor. Fl-istess waqt, lesti nisimgħu u npoġġu fis-seħħ il-Kelma ta' l-Imgħallem tagħna, Kelma li dejjem teħles.

- Ikun tajjeb li nfittxu noħolqu mekkaniżmi ta' djalogu ma' professjonisti f'bosta oqsma tas-soċjetà Maltija u magħhom niflu s-sitwazzjonijiet li qed isibu ruħhom fihom.

## Inkunu melħ, dawl u ħmira

37

Aktar ma jkollna lil Kristu fiċ-ċentru tal-ħajja tagħna, aktar nistgħu nkunu Knisja profetika. Knisja li fil-ħajja, fl-imġiba, fil-pastorali u fid-deċiżjonijiet tagħha tkun verament profetika tkun **Knisja kuraġġuża**, Knisja li ma tibżax tkun **sinjal ta' kontradizzjoni** fix-xhieda li tagħti. Hija xhieda li sseħħ fil-għotja sħiħa li aħna l-imgħammdin nippruvaw ngħixu. Jekk aħna nixtiequ ngħixu b'impenn akbar il-vokazzjoni nisranija u profetika tagħna għandna nieħdu bħala sfida l-kmand ta' Kristu li nkunu l-**melħ** li jagħti t-togħma lis-soċjetà Maltija, id-**dawl** li jdawwal il-qlub ta' dawk li jinsabu fid-dlam, u l-**ħmira** li tgħolli l-għaġna soċjo-politika u kulturali tagħna.

- Dan ifisser, per eżempju, li l-Knisja tkompli tinkuraġġixxi lajċi ffurmati, l-aktar membri ta' għaqdiet u movimenti jagħtu sehemhom, fost l-oħrajn, fil-qasam tal-politika (nazzjonali u fil-kunsilli lokali),

tat-trejdunjoniżmu u ta' l-ekonomija. Il-Knisja tistieden lill-għaqdiet u lill-movimenti stess biex jinkuraġġixxu lill-membri tagħhom jagħmlu dan. L-istrutturi ċiviċi wkoll huma lok ta' evanġelizzazzjoni u xhieda daqs kemm huma l-individwi.

- Komunjoni m'hijiex tassew komunjoni jekk ma jkunx hemm komunità li tappoġġja lill-membri tagħha. Għalhekk, filwaqt li l-komunità nisranija tħeġġeġ lill-individwi li huma kapaċi u li huma tassew imsejħa minn Alla sabiex ikunu fl-oqsma tal-politika, tat-trejdunjoniżmu , ta' l-ekonomija u ta' tmexxija f'diversi professjonijiet, tagħmel minn kollox li tipprovdi strutturi u persuni li jkunu tassew ta' appoġġ lil dawk li jidħlu għal din il-missjoni.

- Hemm bżonn ukoll li waqt il-formazzjoni tagħhom il-lajċi jiġu ffurmati wkoll fis-sens ta' kuxjenza professjonali u etika u li dan isir għall-professjonijiet kollha. Il-Knisja tista' tħeġġeġ lill-Gvern biex dan jagħti formazzjoni etika, speċjalment f'dawk l-oqsma fejn dan huwa l-aktar meħtieġ. Il-Knisja mbagħad toffri l-kontribut tagħha fi programm bħal dan permezz ta' *personnel* speċjalizzat.

## Djalogu u kollaborazzjoni

38

Knisja li trid tkun dejjem aktar melħ, dawl u ħmira, tħoss il-ħtieġa li sseddaq id-djalogu, qabel kollox bejn l-istess membri tal-Knisja-komunità. Dan ifisser li nisimgħu lil xulxin u nagħtu widen lil xulxin, biex nimxu flimkien. Għandna ħafna riżorsi umani, imma li f'diversi każi huma sparpaljati. Aktar minn ħafna jaħdmu flimkien, insibu diversi li jibnu l-"knejjes" tagħhom. Mhux dejjem ħdimna flimkien bħal aħwa u dixxipli ta' Ġesù. Mhux dejjem għaqqadna l-forzi u mhux dejjem qdejna lil xulxin. Irridu ngħidu li aħna Knisja li hija għanja b'qawsalla ta' għaqdiet, movimenti u gruppi, imma li sfortunatament mhux dejjem jaħdmu id f'id u b'għan wieħed.

- Biex verament inkunu melħ, dawl u ħmira, hemm bżonn kbir li l-għaqdiet jaslu biex jibdlu l-mentalità u l-atteġġjamenti magħluqa

li xi minn daqqiet uħud iħaddnu, u jitgħallmu japprezzaw u jifirħu fid-diversità u l-kumplimentarjetà tagħhom. Hekk, ipoġġu l-kariżma partikulari tagħhom għas-servizz tal-komunità. **Forum** imġedded ta' l-għaqdiet Kattoliċi għandu jżomm dan bħala prijorità.

## Pjanifikazzjoni fuq kull livell

39

Dixxerniment fuq livelli differenti jgħin biex ikun hemm pjanifikazzjoni aħjar. Viżjoni ċara, pjanifikazzjoni skond objettivi u tmexxija b'saħħitha jgħinu l-Knisja taqdi aħjar il-missjoni tagħha. Huwa importanti ħafna li l-bidliet proposti permezz tal-pjanifikazzjoni jilħqu lil kull membru tal-Knisja.

- Għalhekk huwa importanti li l-kunċett u l-esperjenza ta' Knisja-komunjoni jiġi rrealizzat fuq bażi djoċesana, fil-ħidma tal-Kurja u fl-istrutturi tagħha, fuq bażi parrokkjali u fuq bażi ta' komunitajiet żgħar (p.eż. żoni, kategoriji ta' nies, postijiet tax-xogħol, *neighbourhoods*). Għandu jitħaddem aktar l-idejal li parroċċa tkun **komunità ta' komunitajiet**. L-'edizzjoni' tal-Knisja li n-nies jaraw u jaqraw hija l-parroċċa. Importanti li jinstab mezz u tingħata l-għajnuna biex l-idejat ta' formazzjoni, komunjoni, eċċ. jaslu u jitwettqu fil-parroċċa.
- Il-pjanifikazzjoni djoċesana għandha tieħu in konsiderazzjoni n-numru dejjem jonqos ta' saċerdoti, u għalhekk ix-xogħol fdat f'idejhom għandu jerġa' jiġi definit minn żmien għal żmien.
- Inħossu li wasal iż-żmien, li bħalma sar fi djoċesijiet oħra, il-Knisja f'Malta tagħmel id-dixxerniment meħtieġ dwar l-għaqdiet u l-movimenti fid-djoċesi.

## Użu tajjeb tar-riżorsi umani li għandha l-Knisja

40

Huwa ta' ġid kbir għall-Poplu kollu ta' Alla f'Malta jekk inkunu aktar professjonali fl-użu tajjeb tar-riżorsi umani li għandna. Xi strutturi

tradizzjonali għandhom il-valur u s-siwi tagħhom, imma hu meħtieġ li jkollna l-kuraġġ li ninfetħu għal esperjenzi ġodda. Il-volontarjat hu ta' min jinkuraġġih, imma ma nistgħux "niddubbaw" biss b'li nsibu. Fost ir-riżorsi li għandha l-Knisja, hemm numru dejjem jikber ta' lajċi kwalifikati fil-qasam ta' l-istudji reliġjużi.

- Il-lajċi gradwati fl-istudji reliġjużi, flimkien ma' lajċi oħra impenjati f'oqsma diversi, għandhom jiġu mfittxija bħala riżorsa billi jagħtu kontribut f'oqsma li m'humiex speċifikament tas-saċerdot, biex dan ikun jista' juża l-enerġiji tiegħu fejn verament hemm bżonnu.

- Neħtieġu f'bosta oqsma *personnel* kwalifikat f'ħiliet maniġerjali u f'ħiliet organizzattivi.

- Tajjeb li jitnieda studju ta' kif il-Knisja tista' tiġġenera aktar fondi sabiex tkun tista' tiffinanzja u tissussidja proġetti u ħidmiet pastorali.

## Minn Dixxipli għal Appostli

41

Biex ikollna l-qalb mimlija ħeġġa ta' appostlu u xandâr, huwa meħtieġ li qabel kollox ikollna l-widna attenta ta' dixxiplu. Għalhekk nifhmu li qabel ma l-insara joħorġu jevanġelizzaw **iridu jkunu huma stess evanġelizzati.**[43] Iridu jkunu l-insara l-ewwel li jkunu dixxipli u jgħixu l-Evanġelju. Huwa importanti li niftakru li dan il-proċess ta' evanġelizzazzjoni ma jiqafx. L-evanġelizzazzjoni kontinwa hi għall-membri kollha tal-Knisja, jiġifieri għalina lkoll. Il-problemi li naffaċċjaw għandha tinstabilhom soluzzjoni fid-dawl ta' l-Evanġelju. Għandna nkunu lesti li nitbiegħdu minn pastorali sagramentalizzata żżejjed biex noqorbu lejn pastorali mibnija fuq l-evanġelizzazzjoni.

- Irid isir u jitwettaq programm serju ta' formazzjoni kontinwa (jiġifieri tagħlim u approfondiment tal-fidi) għall-kategoriji kollha. Il-Knisja għandha tonfoq ir-riżorsi tagħha fi programmi bħal dawn.

43 Ara Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Nuntiandi* (8 ta' Diċembru 1975), 15.

• Għandna nfasslu pjan u programm ta' evanġelizzazzjoni għall-adulti fuq żewġ linji: (i) f'komunitajiet żgħar, u (ii) permezz tal-*media*. Dan isir fil-qafas ta' Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.[44]

## Il-kariżma missjunarja tal-Knisja f'Malta

42

Il-Knisja li hi f'Malta – li taf twelidha lill-Appostlu tal-Ġnus – tkun profetika billi tagħraf **il-kariżma missjunarja bħala waħda mill-kariżmi speċjali tagħha**. Għalhekk bħala Knisja rridu nħarsu 'l barra minn xtutna, u nkunu Knisja ġeneruża ma' popli oħra, kif għamilna fl-imgħoddi qrib, speċjalment mal-Knisja fil-Brażil. Il-Knisja tagħna għandha tikber fil-konvinzjoni li tkun miftuħa għall-Knisja universali, kemm mil-lat ta' riżorsi kif ukoll mil-lat ta' *personnel.*

• Il-Knisja għandha tkompli toħloq skemi ta' għajnuna konkreta għal dawn il-missjunarji.

• Il-formazzjoni fis-Seminarju għandha tħeġġeġ lil dawk li qed iħejju ruħhom għas-saċerdozju biex jirriflettu bis-serjetà dwar il-possibbiltà ta' ħidma missjunarja, anke għal xi numru definit ta' snin tal-ministeru presbiterali tagħhom.

• Tajjeb li ninkuraġġixxu aktar każi ta' *twinning* bejn parroċċi f'Malta u parroċċi fil-missjoni. B'mod alternattiv jew kumplimentari għal dan, ta' min jaħdem biex isir *twinning* bejn l-arċidjoċesi tagħna u djoċesi fil-missjoni. Dak li qed jiġi suġġerit għandu jkun ikkunsidrat fi spirtu ta' komunjoni djoċesana. Għandna wkoll inkomplu ninkuraġġixxu missjunarji lajċi biex iħallu xtutna. B'"missjoni" (f'dan is-suġġeriment u dak ta' qablu), m'aħniex nifhmu biss l-artijiet tradizzjonalment assoċjati mal-missjoni, imma nirreferu wkoll għal postijiet oħra anke fl-"ewwel dinja" fejn hija meħtieġa r-rievanġelizzazzjoni.

[44] Dan l-Istitut jissemma f'diversi dokumenti oħra tas-Sinodu.



# Kap IV

## KNISJA-OĦT LI TAKKUMPANJA L-BNEDMIN KOLLHA FIT-TOROQ TAL-ĦAJJA

## Il-bniedem hu t-triq għall-Knisja

43

Diġà tkellimna fid-dokument dwar kemm il-Knisja f'Malta għandha tkun dejjem aktar sagrament u skola ta' komunjoni. Il-pedament ta' din il-komunjoni fost il-membri kollha tal-Poplu ta' Alla hija l-ħajja Trinitarja. Tkellimna wkoll kif aħna l-insara Maltin imsejħin biex insammru ħarsitna fuq Ġesù, inkunu dixxipli tiegħu u għalhekk nimitawh b'ħajja ta' qadi. Issa, f'din is-sezzjoni se nikkonċentraw fuq kif il-Knisja, permezz tas-sehem tagħna, hija msejħa biex takkumpanja lill-bniedem, Knisja li tkun qrib tal-batut u ta' l-imbiegħed. Ix-xbieha li qegħdin nużaw hija ta' **Knisja-oħt.**

Għalhekk aħna konvinti "li l-Knisja ma tistax tifhem lill-bniedem u lis-soċjetà billi tpoġġi lilha nfisha f'qagħda 'l fuq jew 'il barra mis-soċjetà, imma billi tkun f'solidarjetà sħiħa mal-bniedem fejn qiegħed... Il-Knisja ma tistax tkun l-Arka ta' Noè u 'l fuq minn kull mewġ li qed iħabbat lis-soċjetà".[45] Żgur li m'għandniex ninsew it-tradizzjoni twila – anzi nistgħu ngħidu tradizzjoni ġejja mill-bidunett – fejn membri tal-komunità nisranija fittxew li jkunu qrib mhux biss ta' xulxin fil-bżonnijiet li nqalgħulhom, imma ta' bnedmin oħra mingħajr distinzjoni ta' reliġjon, klassi, kultura jew lewn.

Fil-fatt, il-persuna umana hi t-triq għall-Knisja: "Għalhekk billi l-bniedem hu t-triq għall-Knisja, it-triq għall-ħajja tagħha ta' kuljum, għall-esperjenzi tagħha, għall-missjoni u t-tbatija tagħha, jeħtieġ li l-Knisja ta' llum tagħraf b'mod dejjem ġdid is-'sitwazzjoni' tal-bniedem".[46]

45 Segreterija Pastorali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, *Lejn Knisja Adulta – Pass Deċiżiv lejn Pjan Pastorali għas-Snin '90*, Malta 1993, 1.2.2.

46 Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptor Hominis* (4 ta' Marzu 1979), 14.

## Knisja relevanti għall-bniedem ta' llum

44

Għal ħafna sekli l-Knisja f'Malta fittxet li tagħraf is-sitwazzjoni tal-poplu u tkun qribu. Fil-fatt, impenjat ruħha b'diversi modi fil-kamp tal-karità. Daret bil-morda u dawk fil-bżonn, dewwiet il-feriti tagħhom, għallmet, u ħadet ħafna inizjattivi fil-qasam tad-djakonija. Illum, għalkemm dan għadha tipprova tagħmlu, qiegħda ssib ruħha titħabat mal-mewġ. Kultant tistħajjilha biċċa sufra titbandal fuq iċ-ċafċif tal-baħar kbir ta' soċjetà pluralista u ta' dinja globalizzata. U quddiem dan kollu **tixtieq u tfittex li tkun relevanti**. Imma biex nibqgħu relevanti għas-soċjetà, għandna naħarbu kull tentazzjoni ta' kompromess biex nibqgħu popolari. Irridu nkunu krejattivi u nsibu oqsma ta' tbatija u bżonn li jkunu mwarrbin u nidħlu aħna fihom biex ngħinu. Irridu nibnu komunitajiet fil-bażi li jiċċentraw fuq il-Kelma ta' Alla u fuq problemi soċjali. Il-"qari" ta' problema soċjali fid-dawl tal-Kelma joħloq u jsostni l-komunità.

## Għażla preferenzjali tal-fqar u l-emarġinati

45

Huwa wkoll importanti li jikber is-*sense of belonging* fejn dan jinħass nieqes. Nemmnu li għal settur kbir ħafna mill-poplu Malti, il-Knisja għadha relevanti. Imma jidher li hemm numru dejjem jikber ta' nies li għal xi raġuni jew oħra jħossuhom maqtugħin jew imweġġgħin jew imbegħdin mill-Knisja. Għandna nagħmlu minn kollox biex lil dawn nagħtu kashom, nisimgħuhom u nuruhom bil-fatti li nħobbuhom b'għożża kbira.

- Trid tkompli ssir f'moħħna u f'qalbna **għażla preferenzjali tal-fqar u l-emarġinati ta' żmienna.** Il-poplu għandu jiġi edukat iħares lejn dawn in-nies kif ħares lejhom Kristu.[47]

[47] Dan is-suġġett hu ttrattat fid-dokument tas-Sinodu *Djakonija u Ġustizzja.*

## Impenn soċjali

46

L-għażla preferenzjali tal-fqar tfisser impenn imġedded fl-oqsma tal-ġustizzja soċjali. Tfisser konverżjoni radikali tal-moħħ u tal-qalb, kif ukoll is-solidarjetà bħala stil ta' ħajja. Dan kollu jseħħ bis-serjetà meta l-Knisja tara li ma ssir l-ebda diskriminazzjoni inġusta kontra dawk ta' twemmin differenti jew li jgħixu stil ta' ħajja differenti minn dak li tippriedka hija.

- Għandhom jiġu studjati u mħeġġa esperjenzi komunitarji minn reliġjużi, saċerdoti u/jew lajċi f'żoni żvantaġġjati f'Malta.
- Il-Knisja f'Malta, fit-tqassim tar-riżorsi tagħha speċjalment ta' *personnel*, twettaq fil-prattika l-għażla tal-fqar billi timpenja l-aħjar riżorsi fejn l-aktar hemm ħtieġa minħabba raġunijiet soċjali, demografiċi jew ta' natura oħra.
- Jeħtieġ ukoll li t-Tagħlim Soċjali tagħha jkun parti mill-predikazzjoni ordinarja tal-Knisja u jifforma r-ruħ tar-relazzjonijiet fl-istrutturi kollha tagħha biex isir aktar magħruf mill-kategoriji kollha tal-poplu tagħna.
- Jitkompla u jissaħħaħ ix-xogħol tad-*Discern* dwar l-Osservatorju tal-Faqar u s-Sinjali taż-żminijiet.

## Biex inkunu profetiċi rridu nħaddnu u ngħixu r-radikalità ta' l-Evanġelju

47

Għalkemm il-Knisja f'Malta – qed nifhmu bi Knisja kemm l-awtoritajiet kif ukoll kull membru ieħor: saċerdoti, reliġjużi, lajċi, nisa u rġiel – minn żmien għal żmien tkellmet fuq xi *issues* sħan, xi wħud dehrilhom li ġieli qisha tibża' tkun profetika jew inkella qagħdet lura milli tieħu pożizzjoni u azzjoni. Dehrilhom li, kemm-il darba, il-prudenza żejda ħonqot l-inizjattiva u l-profezija. Allura dehrilhom li mhix qiegħda tilqa' b'mod sħiħ l-isfida li twassal **ir-radikalità ta' l-Evanġelju**.

Aħna l-insara Maltin irridu nifhmu aktar il-ħtieġa li nieħdu l-Kelma ta' Alla bis-serjetà, nippruvaw ngħixuha u nagħtu xhieda. Irridu nkunu aħna, il-membri tal-Knisja oħt u qaddejja, l-ewwel li ngħixu u nagħtu xhieda tar-radikalità ta' l-Evanġelju, speċjalment fl-għażla tal-faqar u tal-fqar. L-enfasi tagħna għandu jkun fuq is-smigħ tal-Kelma li jwassal għal bidliet radikali. Bħala Knisja li hi oħt u qaddejja, għandna niftħu widnejna beraħ u nisimgħu kemm lil Alla, kif ukoll lill-bniedem. Kull nisrani awtentiku għandu d-dmir li jkun profeta fis-sitwazzjoni li fiha jinsab. Darba, Mosè qal lil Ġożwè: "Jalla l-poplu tal-Mulej ikun kollu profeti, u jalla l-Mulej iqiegħed fuqhom l-Ispirtu tiegħu!" (Num 11,29). Il-profezija ma tibżax mill-ġdid u mill-futur għax tistrieħ biss fuq il-Kelma u l-Ispirtu ta' Alla.

- Dan iseħħ bil-preżenza profetika attiva u attenta tagħna, u permezz ta' riċerka, speċjalment fejn jidħlu l-fqar u suriet diversi ta' faqar. Biex nagħmlu dan hu meħtieġ li nħaddnu verament l-Evanġelju.

- Barra minn hekk, nemmnu li bħala Knisja m'għandniex infittxu titli, unuri, onorifiċenzi u privileġġi li jxejnu l-viżjoni ta' Knisja sempliċi.

## Bnedmin ma' l-oħrajn u għall-oħrajn

48

Aħna nkunu tassew komunità profetika kemm-il darba aħna l-imgħammdin – kemm dawk fl-awtorità kif ukoll l-oħrajn kollha – nifhmu aktar li aħna lkoll msejħin li nkunu **bnedmin ta' Alla** u **bnedmin ma'** u **għall-oħrajn**. Ifisser li bħala Knisja mhux biss nisimgħu x'qiegħed jgħidilna l-Mulej, imma wkoll li fid-dawl ta' din il-Kelma nħossu tajjeb il-polz ta' ħutna l-bnedmin u nagħrfu naqraw is-sinjali taż-żminijiet fis-soċjetà tagħna u fid-dinja lil hinn minn xtutna.

- Biex nagħmlu hekk jeħtiġilna li bħala komunità ħajja nużaw aktar ix-xjenzi soċjali[48] bħala għajnuna fid-dixxerniment. Il-kontribut ta' dawn ix-xjenzi empiriċi f'kuntest partikulari jgħin biex jiġu identifikati

[48] Ara *Gaudium et Spes*, 62.

aħjar ċerti problemi u l-gravità tagħhom. Imbagħad, permezz tad-dixxerniment, il-Kelma ta' Alla ddawwalna fl-azzjoni konkreta li għandna nieħdu biex intaffu u anke noffru soluzzjoni jew għajnuna.

- Tajjeb li l-Knisja tkompli tħeġġeġ l-istudju tax-xjenzi umani, u tipprovdi boroż ta' studju immirati għal saċerdoti u lajċi sabiex dawn jaħdmu fl-entitajiet tagħha jew fl-Università.

## Infejqu l-firdiet tas-soċjetà tagħna

49

Nemmnu li bħala Knisja profetika li hi wkoll komunjoni għandna nirsistu aktar u ma nieqfu qatt milli nfittxu li **nfejqu l-firdiet** li jeżistu fostna biex imbagħad inkunu kredibbli meta nipprovaw infejqu l-firdiet tas-soċjetà tagħna.

- Għalkemm mhux mifhuma minn kulħadd, bħala Knisja għandna nkomplu fit-triq li qbadna li **nkunu profetiċi** (i) fejn tidħol il-polarizzazzjoni sfrenata li teżisti f'pajjiżna, (ii) fejn jidħol ir-rispett lejn reliġjonijiet oħra, (iii) kif ukoll **f'ċerti deċiżjonijiet iebsa fejn jidħlu,** per eżempju, **il-festi**. Għandna nkomplu naħdmu biex inkunu dejjem aktar komunità rikonċiljata u komunità li tirrikonċilja.

- B'kuraġġ u b'konvinzjoni, Knisja profetika tkompli tgħallem bil-fatti li l-festi għandhom ikunu **ċelebrazzjonijiet li jgħaqqdu u mhux jifirdu**. Għalhekk jitkomplew ir-riforma u t-tiġdid tal-festi tal-parroċċi u l-komunitajiet tagħna, kemm fl-elementi interni kif ukoll esterni, billi jissaħħu l-element reliġjuż u l-aspetti ta' qima, ferħ nisrani, għaqda u għajnuna lil min hu fil-bżonn, u jitwarrbu elementi li jġibu firda jew offiża lil Alla jew lill-proxxmu (inklużi esaġerazzjoni fl-infiq jew tbatija lill-morda minħabba l-ħoss eċċessiv ta' ċerti tipi ta' nar ta' l-ajru, eċċ.). Knisja profetika tiddisassoċja ruħha minn kull element pagan li jsir f'ċerti marċijiet. Għandna nkunu ċari ma' kulħadd li dawn l-elementi ma rriduhomx iċappsu l-festi reliġjużi tagħna.

- Il-Knisja, waqt li tistma l-valuri pożittivi tar-reliġjożità popolari, timpenja ruħha fl-edukazzjoni tal-komunità nisranija biex din ir-reliġjożità ssir dejjem iżjed espressjoni ta' fidi vera.

## Knisja li tikkontribwixxi għad-djalogu bejn kulturi u reliġjonijiet

50

Il-Knisja f'Malta għandha tkompli tistudja l-pożizzjoni tagħha – pożizzjoni li tista' tkun tassew profetika – f'nofs il-Mediterran. Il-Knisja f'pajjiżna għandha kontribut x'tagħti quddiem il-vokazzjoni ta' Malta li tkun fus għad-djalogu bejn pajjiżi, kulturi u reliġjonijiet diversi, u biex taqdi missjoni ta' ftehim, għaqda u komunjoni fid-dinja. Dan iwassal ukoll biex il-Knisja f'Malta u l-mexxejja tagħha jħossuhom dejjem inqas iżolati, u jkunu sostnuti minn djoċesijiet oħra.

## Knisja li tiddjaloga mas-setturi kollha ta' gżiritna

51

Knisja li hi saqajha fl-art tagħraf li pajjiżna sar u qiegħed dejjem isir aktar pluralista u li allura nbidlet il-pożizzjoni tradizzjonali li kellha fuq il-livell ta' strutturi u valuri. Quddiem din ir-realtà, għandna nwieġbu bi strateġija ta' djalogu u mhux b'mentalità ta' assedju jew mentalità awtoritarja. Knisja kuraġġuża hija Knisja li taf tisma' bis-serjetà u taf tiddjaloga.

Li niddjalogaw ifisser li mhux biss nirrispettaw il-pożizzjoni ta' l-oħrajn iżda wkoll li nkunu lesti nitgħallmu mit-tajjeb li hemm fiha. Knisja li tiddjaloga hija Knisja li tagħraf li hija m'għandhiex it-tweġibiet kollha għall-problemi kollha. Tagħraf ukoll il-pluraliżmu leġittimu li jeżisti kemm fi ħdanha kif ukoll fis-soċjetà. Bħala Knisja għandna niddjalogaw dejjem iżjed mas-setturi kollha li jinsabu fi gżiritna. Għandna ma naqtgħu qatt milli naħdmu favur id-dinjità tal-bniedem, favur l-ugwaljanza bejn is-sessi u favur id-djalogu fuq kull livell. Għandna nidħlu fi djalogu bla ma nkunu paternalistiċi jew awtoritarji. Bħala membri tal-Knisja, b'sens ta' servizz għandna nkunu assertivi u nsemmgħu leħinna fi żminijiet tajba u ħżiena, "f'waqtu u barra minn waqtu" (2 Tim 4,2).

- Għandna naħdmu biex ikun hemm koordinament aħjar bejn l-aġenziji tad-djakonija li għandha l-Knisja u dawk Statali (kif ukoll oħrajn

privati) li jagħtu servizz li jixtiebah. Imma, qabel kollox, irridu nibdew b'koordinament fost l-aġenziji tal-Knisja stess. Hu meħtieġ li jkun hemm *pooling* tar-riżorsi kollha biex ma jkun hemm la sparpaljar u lanqas ripetizzjoni, imma minflok tikber l-ispeċjalizzazzjoni u l-attenzjoni għal kull każ individwali li jeħtieġ l-għajnuna.

• Fil-ħidma tagħha fi ħdan il-komunità Maltija, il-Knisja għandha tkun iktar pro-attiva billi jkunu appuntati *issue groups* fuq temi diversi biex, fost l-oħrajn, jiddiskutu u jirrispondu għall-*White Papers* ippubblikati mill-Gvern minn żmien għal żmien, temi kurrenti, stħarriġ dwar l-ekonomija jew dwar il-valuri tal-poplu.

## Komunikazzjoni aħjar tgħin lill-Knisja tkun aktar qrib tal-poplu

52

B'aġġornament kontinwu mal-passi mgħaġġla tad-dinja ta' llum, il-Knisja f'Malta għandha tagħraf tuża tajjeb il-mezzi kollha tal-komunikazzjoni, kif ukoll li tagħmel minn kollox biex **tikkomunika aħjar**, kemm internament kif ukoll esternament. Dan jimplika wkoll Knisja li tkun lesta u kapaċi tisma'.

Il-Knisja, li fiha tinsab il-verità sħiħa, m'għandhiex biss id-dmir li tgħallem, imma – għax hi oħt u qaddejja – għandha wkoll id-dover li titgħallem minn sitwazzjonijiet diversi li ssib ruħha fihom. Tista' tiġina t-tentazzjoni li f'xi aspetti nkunu legalistiċi. Għalhekk, bħala Knisja, għandna nagħmlu minn kollox biex filwaqt li nibqgħu fidili għall-verità, inkomplu nkunu dejjem umani fid-deċiżjonijiet u fl-imġiba tagħna. Nemmnu li t-tmexxija ekkleżjastika għandha tkun dejjem aktar qrib il-poplu bil-għan ta' kuntatt personalizzat kemm jista' jkun mal-Poplu kollu ta' Alla f'Malta.

• Tkun ħaġa għaqlija li ssir Viżta Pastorali ta' l-Arċidjoċesi tagħna fuq bażi regolari.

• Komunikazzjoni aħjar ġewwa d-djoċesi tista' tintlaħaq jekk nirrispettaw u nużaw strutturi li diġà għandna fid-djoċesi. F'dan is-

sens qed nifhmu li jkunu rispettati d-Delegati ta' l-Arċisqof fl-oqsma tagħhom, u mhux kulħadd jippretendi li għal kull materja jrid bilfors jara lill-Arċisqof personalment.

## Ħerqana għall-ħtiġijiet tal-bnedmin kollha

53

Knisja li permezz tal-membri tagħha tabilħaqq tkun **oħt u qaddejja** tal-bnedmin tista' bis-sinċerità kollha tgħix din it-talba li nħossu li tiġbor fi ftit kliem dak li tkellimna dwaru f'dan il-Kap u f'dak ta' qablu: "Agħmel li l-fidili kollha tal-Knisja tiegħek, huma u jagħrfu fid-dawl tal-fidi s-sinjali taż-żminijiet, ikunu jistgħu, fi qbil sħiħ mal-fidi li jistqarru, jimpenjaw ruħhom sewwa fil-qadi ta' l-Evanġelju. Agħmilna ħerqana għall-ħtiġijiet tal-bnedmin kollha biex, aħna u nissieħbu fin-niket u t-tiġrib tagħhom, fil-ferħ u t-tamiet tagħhom, inwasslulhom bil-fedeltà kollha l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni u, flimkien magħhom, nimxu fit-triq li twassal għas-saltna tiegħek".[49]

[49] Talba Ewkaristika V, Prefazju C



# Kap V

## KONKLUŻJONI

## Mixja sinodali li tkompli wara li jispiċċa s-Sinodu Djoċesan

54

Fid-dawl ta' dak li qegħdin nipproponu f'dan id-dokument, nixtiequ li l-Knisja f'Malta tkompli tagħraf is-sejħa li tkun sagrament, jew strument u skola ta' komunjoni. Rajna li l-pedament u l-għajn ta' kull komunjoni vera fil-Knisja hija t-Trinità Qaddisa. Aħna, il-membri tal-Knisja, imħeġġin u ħerqanin li nimitaw aktar lill-Iben ta' Alla li fil-milja taż-żmien sar ħuna, il-qaddej tagħna u l-feddej rebbieħ. Imsaħħin mill-Ispirtu Qaddis, inkomplu l-mixja tagħna fuq din l-art lejn Dar il-Missier.

Din il-mixja tagħna bħala l-Knisja ta' Kristu li tgħammar ġewwa Malta hija mixja sinodali li tkompli anke wara li jispiċċa s-Sinodu Djoċesan. Nixtiequ u nitolbu li l-atteġġjament tal-Knisja u l-istil ta' l-azzjoni u l-ħidma tagħha jkunu mimlija b'dan l-ispirtu. Kemm hu importanti li tingħata prijorità lil spiritwalità ta' komunjoni li tidher u tinħass u tingħex mill-membri kollha tal-Knisja li hi f'Malta!

- Ikun hemm grupp għall-implementazzjoni tad-deċiżjonijiet pastorali tas-Sinodu. Dan il-grupp għandu jistudja u jiddjaloga ma' l-entitajiet kollha tal-Knisja f'Malta, speċjalment mal-Kappillani, biex ikun jista' jġib 'il quddiem u jgħin biex isseħħ u titrawwem il-komunjoni fil-livelli kollha tal-ħajja tal-Knisja f'Malta. Hekk, l-istil tal-ħajja tal-Knisja li hi f'Malta jkun **dejjem** aktar "sinodali".

## Nitħeġġu biex inħeġġu: Irridu nkomplu nimxu t-triq flimkien[50]

55

Ma rridux ngħaġġlu ż-żejjed... għax irridu li dawk li jimxu bil-mod ikunu jistgħu jlaħħqu magħna.

50 L-idejat li qegħdin inġibu fil-konklużjoni tad-dokument tagħna huma ispirati minn xi aspetti ta' talba meħuda mis-Sinodu tad-djoċesi ta' Annecy fi Franza. Ara l-kitba ta' Francine Robillot, "Ensemble faisons route", fil-ktieb ta' T. Rey-Mermet, *Tournés vers l'Avenir. Annecy en Synode d'Église (1990-1992)*, Annecy 1995, 60-61.

Ma rridux nimxu bil-mod iż-żejjed... għax inkomplu naqtgħu qalb anke dawk li jimxu b'mod normali u nkomplu ninqabżu mit-tibdil soċjali li qed isir fil-pajjiż.

Ma rridux ninsew lil dawk li jħossuhom waħedhom... nixtiequ li jsibu min jismagħhom.

Ma rridux naqtgħu qalb id-dgħajfa... anzi rridu nagħmlulhom il-qalb.

Ma rridux nitbiegħdu minn dawk li huma maqtugħin mill-Knisja... anzi nixtiequ nagħtuhom l-id tal-ħbiberija tagħna.

Dawk li huma aktar attivi għandhom jieqfu biex jixtarru u jevalwaw.

Dawk li jħossu t-telqa taħkimhom, nixtiequ narawhom jiskopru mill-ġdid l-enerġiji moħbija li hemm fihom.

Dawk li huma xettiċi, inħeġġuhom biex jiftħu ħajjithom għall-ħidma ta' l-Ispirtu.

Biex dawk li huma lejali jaraw il-fidi tagħhom tissaħħaħ.

Biex il-barranin iħossuhom milqugħin u t-talenti tagħhom meħtieġa għall-komunità kollha.

Biex dawk li huma mitluqa jħossu li s-soċjetà u l-Knisja jeħtieġu s-sehem siewi tagħhom.

Biex dawk li l-aktar jitkellmu jisktu ftit biex jisimgħu lill-oħrajn.

Biex dawk li ma jitkellmux jew jibqgħu lura jiftakru li hemm min hu lest jismagħhom, u li l-kelma li jlissnu tgħodd ukoll u tagħmel il-ġid.

Biex dawk li ħadd ma jismagħhom jagħrfu li l-kelma tagħhom ukoll se tittieħed bis-serjetà.

## Inkunu l-Poplu ta' Alla miġbur flimkien fl-għaqda tal-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu

56

Ejjew nitħeġġu biex inġeddu l-fehma tagħna li nkomplu mexjin flimkien. Ejjew nilqgħu s-sejħa tal-Mulej li ninbidlu għal dak li jixtieq jara fina bħala l-Knisja tiegħu li hi f'Malta. Ejjew nitfgħu l-ħarsa tagħna fuq Ġesù, l-Iben ta' Alla li sar bniedem bħalna. Huwa tella' t-tinda tiegħu fost it-tined tagħna

(ara Ġw 1,14). Għax sar il-ġar tagħna, nistgħu nħarsu lejh, nistgħu nitpaxxew bih, sakemm naslu li nimitawh u nfasslu l-ħajja tagħna fuq ix-xhieda li tana. Nixtiequ nħaddnu bis-sħiħ l-istil tiegħu li "ġie mhux biex ikun moqdi, imma biex jaqdi" (Mt 20,28). Bħalu nixtiequ nkunu minn fost dawk li jaħslu riġlejn ħuthom. Irridu nkunu dixxipli tiegħu li jaħdmu għall-għaqda "biex id-dinja temmen" (Ġw 17,21).

Aħna, l-insara Maltin, irridu wkoll inħarsu lejn Marija, Omm Alla u Omm il-Knisja. Marija, "il-qaddejja tal-Mulej" (Lq 1,38), tagħtina eżempji mill-aqwa ta' kif nistgħu nkunu attenti għall-Kelma ta' Alla, u kif din il-Kelma nsarrfuha f'ħajja ta' dixxipulat nisrani u ta' qadi ta' l-aħwa kollha. Dawn l-atteġġjamenti jsaħħu fina, l-insara Maltin tal-bidu tat-tielet millennju, ir-rieda u jkabbru l-impenn tagħna li ngħixu bħala aħwa u qaddejja li jkunu "**l-Poplu ta' Alla miġbur flimkien fl-għaqda tal-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu**".[51]

[51] S. Ċiprijanu, *Fuq it-Talba tal-Missierna*, 23. Ara, *Lumen Gentium*, 4.

*Pubblikazzjoni ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, 2003*

*ISBN: 99932 - 49 - 07 - 6*